



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 4 ta' April 2008 (14.05)
(OR. en)**

**8012/08
ADD 3**

**ACP 38
WTO 56
COLAT 12
RELEX 194**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sinjura Patricia BUGNOT, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Marzu 2008
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Istati CARIFORUM, fuq in-naħa l- oħra

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni COM(02008) 156 finali - volum 4.

Mehmuż: COM(02008) 156 finali - volum 4

ANNEX I

DAZZI FUQ L-ESPORTAZZJONI

Guyana¹

Ħaġar prezzjuż minbarra ħaġar maqtuġh u ppolixxjat (SA 71.01)	USD 3.00	għal kull karat metriku
Boksajt, ikkalċinizzat (SA 2606.00.10)	USD 0.45	għal kull tunnellata
Boksajt, ieħor (SA 2606.00.90)	USD 0.45	għal kull tunnellata
Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat (kif ikklassifikat fl-intestatura tat-tariffa Nru. 1701)	USD 1.00	għal kull tunnellata
Greenheart, tond u maqtuġh (SA 4403.99.10)	USD 0.29	għal kull m ³
Greenheart, issegat (SA 4407.29.20)	USD 5.0	għal kull m ³
Ħut ta' l-akkwarju (SA 0301.10.90)	5 fil-mija	
Melassa (SA 17.03)	USD 1.00	għal kull 100 litru

¹ Ara l-paġna 620 tat-Tariffa ta' l-SA 2007 tal-Guyana.

Is-Surinam

44.03	Injam mhux raffinat, anki jekk bil-qoxra, l-ilbieba jew skwerrat b'mod mhux preċiż.	Tond bil-qoxra	Mingħajr qoxra f'forma kwadra
4403.10.00	Ittrattat biż-żebgħa, stejns, krijożot jew priżervattivi oħra		
4403.10.10	Ta' speċi tal-koniferi		5 fil-mija
4403.10.20	Tal-kawba		5 fil-mija
4403.10.90	Ta' speċi oħra mhux tal-koniferi		5 fil-mija
4403.20.00	Oħra, koniferi		5 fil-mija
	Oħrajn, ta' injam tropikali speċifikat fis-subintestatura Nota 1 ta' dan il-Kapitolu:		
4403.41.00	Meranti Aħmar Skur, Meranti Aħmar Ċar u Meranti Bakau	20 fil-mija	10 fil-mija
4403.49.00	Oħrajn:		
4403.49.10	Kawba	20 fil-mija	10 fil-mija
4403.49.90	Oħrajn	20 fil-mija	10 fil-mija
4403.99.00	Oħrajn:		
4403.99.10	Tal-greenheart	20 fil-mija	10 fil-mija
4403.99.90	Oħrajn	20 fil-mija	10 fil-mija

44.04	Injam għaċ-ċrieki; arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten ta' l-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul; bsaten ta' l-injam, mirqumin raff iżda mhux inturnati, milwijn jew maħdumin mod ieħor, tajbin għall-manifattura tal-bsaten tal-mixi, umbrelel, manek ta' l-għodod jew bħalhom; injam magħmul minn laqx ta' l-injam (chipwood) u bħalu.		
4404.10.00	Tal-koniferi:		
4404.10.10	Arbli maqsumin, puntali, pali, bsaten u stiekk	5 fil-mija	
4404.10.90	Oħrajn	5 fil-mija	
4404.20.00	Mhux tal-koniferi:		
4404.20.10	Arbli maqsumin, puntali, pali, bsaten u stiekk, tal-greenheart	5 fil-mija	
4404.20.20	Arbli maqsumin, puntali, pali, bsaten u stiekk, ta' injam ieħor	5 fil-mija	
4404.20.90	Oħrajn	5 fil-mija	

44.06	Travi ta' l-injam mimdudin (sleepers, cross-ties) għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm.	
4406.10.00	Mhux impregnated	5 fil-mija
4406.90.00	Oħrajn	5 fil-mija

ANNEX II

DAZZI DOGANALI FUQ PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ISTATI TAL-CARIFORUM

1. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 2, 4, 5, 6 u 7 id-dazji doganali tal-Parti tal-KE (minn hawn 'il quddiem "id-dazji doganali tal-KE") għandhom jitneħħew kompletament minn fuq il-prodotti kollha tal-Kapitlu I sa 97 tas-Sistema Armonizzata, ħlief dawk tal-Kapitlu 93 tagħha, li joriġinaw fi Stat tal-CARIFORUM mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għall-prodotti tal-Kapitlu 93, il-Parti tal-KE għandha tkompli timponi d-dazji ta' l-iktar nazzjon favorit (MFN – Most Favoured Nation) applikati.
2. Id-dazji doganali tal-KE fuq il-prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1006 li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM għandhom jitneħħew mill-1 ta' Jannar 2010, għajr għad-dazji doganali tal-KE fuq il-prodotti tas-subintestatura 1006 10 10 li għandhom jitneħħew mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Sakemm jitneħħew kompletament id-dazji doganali tal-KE fuq il-prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1006 li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM, għandha tinfetaħ kwota ta' rata tariffarja b'dazju ta' żero ta' 187 000 tunnellata għas-sena kalendarja 2008 għall-prodotti kollha ta' l-intestatura tariffarja 1006 ħlief għas-subintestatura 1006 10 10 li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM. Il-kwota tariffarja għas-sena kalendarja 2009 għandha tkun ta' 250 000 tunnellata.
3. Il-Parti tal-KE u l-Istati firmatarji tal-CARIFORUM jaqblu li d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Cotonou (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll dwar iz-Zokkor") għandhom jibqgħu japplikaw sat-30 ta' Settembru 2009, u li, wara dik id-data, il-Protokoll dwar iz-Zokkor ma għandux jibqa' fis-seħħ bejniethom. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll dwar iz-Zokkor, il-perjodu tal-konsenja 2008/9 se jkun mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Settembru 2009. Il-prezz garantit għall-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2009 għandu jiġi deċiż wara n-negozjati pprovdu ti fl-Artikolu 5(4).
4. Id-dazji doganali tal-KE fuq prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw fi Stat tal-CARIFORUM għandhom jitneħħew mill-1 ta' Ottubru 2009. Sakemm id-dazji doganali tal-KE jitneħħew kompletament, u flimkien ma' l-allokazzjonijiet tal-kwoti bir-rati tariffarji mingħajr dazju stipulati fil-Protokoll dwar iz-Zokkor, għandha tinfetaħ kwota bir-rata tariffarja mingħajr dazju ta' 60 000 tunnellata għas-sena kummerċjali² 2008/2009 għall-prodotti tas-subintestatura 1701, ekwivalenti għal zokkor abjad, li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM, li minnhom 30 000 tunnellata se jkunu riżervati għar-Repubblika Dominikana. Ma għandha tingħata ebda liċenzja għall-importazzjoni fir-rigward tal-prodotti li għandhom jiġu impurtati taħt din il-kwota tariffarja addizzjonali, sakemm l-importatur ma jimpenjax ruħu li jixtri dawn il-prodotti bi prezz li jkun għallinqas daqs il-prezzijiet garantiti stabbiliti għaz-zokkor impurtat fil-Parti tal-KE skond il-Protokoll dwar iz-Zokkor.

² Għall-iskop tal-paragrafi 4, 5, 6 u 7 "sena kummerċjali" tfisser il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Settembru.

5. (a) Il-Parti tal-KE tista', matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2009 u t-30 ta' Settembru 2015, timponi d-dazju applikat ta' l-Aktar Pajjiż Favorit fuq il-prodotti li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM ta' l-intestatura tariffarja 1701 zokkor, impurtati f'ammonti ikbar mil-livelli li ġejjin espressi f'ekwivalenza ta' zokkor abjad, li jitqiesu li jikkawżaw tfixkil fis-suq taz-zokkor tal-Parti tal-KE:
- (i) 3.5 miljun tunnellata f'sena kummerċjali ta' prodotti bħal dawn li joriġinaw fi Stati li jkunu membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (Stati ACP) firmatarji tal-Ftehim tal-Cotonou, u
- (ii) 1.38 miljun tunnellata fis-sena kummerċjali 2009/2010 ta' prodotti bħal dawn li joriġinaw fl-Istati ACP li mhumiex rikonoxxuti min-Nazzjonijiet Uniti bħala l-pajjiżi l-anqas żviluppatti. Iċ-ċifra ta' 1.38 miljun tunnellati għandha tiżdied għal 1.45 miljun tunnellati fis-sena kummerċjali 2010/2011, u għal 1.6 miljun tunnellati fl-erba' snin kummerċjali ta' wara.
- (b) L-importazzjoni ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw fi kwalunkwe Stat tal-CARIFORUM li huwa rikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti bħala wieħed mill-pajjiżi l-anqas żviluppatti ma għandhiex tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu 5(a). Madankollu, dawn l-importazzjonijiet għandhom jibqgħu s-suġġett tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25 tal-Ftehim³.
- (c) L-impożizzjoni tad-dazju MFN applikat għandha tieqaf fi tmiem is-sena kummerċjali meta jkun ġie introdott.
- (d) Kwalunkwe miżura li tittieħed skond dan il-paragrafu għandha tiġi notifikata minnufih lill-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp CARIFORUM-KE u għandha tkun is-suġġett ta' konsultazzjonijiet perjodiċi f'dak il-korp.
6. Mill-1 ta' Ottubru 2015, għall-iskop ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25 tal-Ftehim, id-disturbi fis-swieq ta' prodotti bl-intestatura tariffarja 1701 jistgħu jitqiesu li jitfaċċaw f'sitwazzjonijiet fejn il-prezz tas-suq tal-Komunità Ewropea taz-zokkor abjad jaqa' matul xahrejn konsekuttivi taħt it-80 fil-mija tal-prezz tas-suq tal-Komunità Ewropea għaz-zokkor abjad li jkun prevalenti matul is-sena kummerċjali ta' qabel.
7. Mill-1 ta' Jannar 2008 sat-30 ta' Settembru 2015, il-prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1704 90 99, 1806 10 30, 1806 10 90, 2106 90 59 u 2106 90 98 għandhom ikunu soġġetti għal mekkaniżmu speċjali ta' sorveljanza sabiex ikun żgurat li l-arranġamenti pprovduti fil-paragrafu 4 u 5 jiġu osservati. Fil-każ ta' żieda kumulattiva ta' importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM b'iktar minn 20 fil-mija bil-volum matul perjodu ta' 12-il xahar konsekuttivi meta mqabbel mal-medja ta' l-importazzjonijiet annwali matul it-tliet perjodi preċedenti ta' 12-il xahar, il-Parti tal-KE għandha tanalizza x-xejra tal-kummerċ, il-ġustifikazzjoni ekonomika u l-kontenut taz-zokkor ta'

³ Għal dan l-iskop u b'deroga mill-Artikolu 25 tal-Ftehim, Stat individwali Firmatarju tal-CARIFORUM li jkun rikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti bħal wieħed mill-pajjiżi l-anqas żviluppatti jista' jkun soġġett għal miżuri ta' salvagwardja.

dawn l-importazzjonijiet u, jekk tqis li dawn l-importazzjonijiet qed jintużaw biex ma jiġux osservati l-arranġamenti pprovduti fil-paragrafi 4 u 5, tista' tissospendi t-trattament preferenzjali u tintroduċi d-dazju MFN applikat lill-importazzjonijiet skond it-*Tariffa Doganali Komuni tal-Komunità Ewropea* għal prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1704 90 99, 1806 10 30, 1806 10 90, 2106 90 59 u 2106 90 98 li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM. Is-subparagrafi 5(b), (c) u (d) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal azzjonijiet skond dan il-paragrafu.

8. Bejn l-1 ta' Ottubru 2009 u t-30 ta' Settembru 2012 fir-rigward tal-prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701, ebda liċenzja preferenzjali ta' importazzjoni ma għandha tingħata sakemm l-importatur ma jimpenjax ruħu li jixtri tali prodotti bi prezz li ma jkunx inqas minn 90 fil-mija tal-prezz ta' referenza stabbilit mill-Parti tal-KE għas-sena kummerċjali rilevanti.
9. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal prodotti ta' l-intestatura tariffarja 0803 0019 li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM u rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-iktar reġjuni mbiegħda tal-Parti tal-KE. Il-paragrafi 1, 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw fl-Istati tal-CARIFORUM u rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-iktar reġjuni mbiegħda ta' Franza. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu applikabbli għal perjodu ta' għaxar snin. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' għaxar snin sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

ANNEX III

DAZZI DOGANALI FUQ PRODOTTI LI JORIĠINAW FIL-PARTI TAL-KE

Il-prodotti kollha li jaqgħu taħt l-intestaturi SA 6 indikati f'dan l-Anness u li joriġinaw fil-Parti KE ma għandhomx, fl-importazzjoni tagħhom fl-Istati tal-CARIFORUM, ikunu soġġetti għal dazji doganali oġġla minn dawk indikati f'dan l-Anness għall-intestatura korrispondenti SA 6 mid-dati indikati hawnhekk, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Fejn rata differenti tkun applikabbli fuq l-importazzjoni lejn Stat Firmatarju speċifiku tal-CARIFORUM, din ir-rata tinsab inqas mir-rata ġenerali.

L-Istati Firmatarji CARIFORUM huma msemmija kif ġej:

ATG	Antigwa u Barbuda
BHM	Il-Baĥamas
BRB	Il-Barbados
BEL	Il-Belize
DMA	Dominika
DOM	Ir-Repubblika Dominikana
GRD	Grenada
GUY	Il-Gujana
HAI	Il-Haiti
JAM	Il-Ġamajka
KNA	Saint Christopher and Nevis
LCA	Santa Luċija
VCT	San Vincenzu l-Grenadini
SUR	Is-Surinam
TTO	Trinidad u Tobago

Meta prodott li jaqa' taħt l-intestaturi SA 6 indikati f'dan l-Anness ikun eskluż mil-liberalizzazzjoni, jiġi indikat it-terminu "Excl" f'dan l-Anness.

Meta kodiċi numeriku SA ikun kwalifikat bit-terminu "Ex" marbut ma' deskrizzjoni speċifika, ir-rata tad-dazju doganali assoċjata tapplika biss għal prodotti inklużi fid-deskrizzjoni speċifika.

Il-prodotti tal-Kapitolu 93 tas-Sistema Armonizzata ma għandhomx ikunu soġġetti għal dan l-Anness.

L-Istati Firmatarji tal-CARIFORUM jaqblu li ma jżidux id-dazji doganali applikati taġġhom iktar mil-livelli applikati fil-waqt ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim għall-prodotti soġġetti għal-liberalizzazzjoni kif koperti minn dan l-Anness.

Appendiċi 1 għall-Anness III

Skeda tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi ta' l-Istati tal-CARIFORUM

...

Appendiċi 2 għall-Anness III

Kwota tar-rata tariffarja għat-trab tal-ħalib fir-Repubblika Dominikana

Fir-rigward ta' prodotti li għandhom l-intestaturi tat-tariffa 040210, 040221 u 040229 li joriġinaw fil-Parti tal-KE, ir-Repubblika Dominikana għandha tippermetti l-importazzjoni tal-kwantitajiet ftunnellati metriċi fil-kolonna A malli jitħallas id-dazju doganali *ad valorem* indikat fil-kolonna B għall-perjodi indikati fil-kolonna C.

A	B	C
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2013
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017
22,400	20	mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018
22,400	18	mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019
22,400	16	mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020
22,400	11	mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021
22,400	5	mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022
22,400	0	mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023
Bla limitu	0	mill-1 ta' Lulju 2023 'l quddiem

Il-Parti tal-KE se tmexxi l-kwota tar-rata tariffarja skond il-mekkaniżmu tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni stabbilit mir-regolamenti tal-Komunità Ewropea. Il-Parti tal-KE għandha tagħmel hilita biex talloka proporzjon raġjonevoli tal-kwantitajiet fil-kwota lil membri ġodda, jekk ikun hemm.

Il-Parti tal-KE għandha tinforma lir-Repubblika Dominikana bi kwalunkwe diffikultà eżistenti jew prevista fil-forniment tal-kwantitajiet indikati fil-kolonna A. Jekk il-Parti tal-KE ma tkunx tista tforri dawn il-kwantitajiet, ir-Repubblika Dominikana għandha d-dritt li terġa talloka l-kwantitajiet mhux użati tal-kwota tar-rata tariffarja fost fornituri oħra jekk il-problema tal-forniment ma tkunx solvuta fi żmien xahrejn, wara n-notifika mill-Parti tal-KE dwar din id-diffikultà fil-forniment.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Appendiċi huma mingħajr ħsara għall-impenji li jinsabu fl-iskeda agrikola tad-WTO tar-Repubblika Dominikana (Skeda XXIII, Anness tal-Protokoll ta' Marrakech) u jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana dwar il-protezzjoni mill-importazzjonijiet għat-trab tal-ħalib fir-Repubblika Dominikana, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, L 218/46 tas-6 ta' Awissu 1998.

Id-dazji doganali fuq prodotti ta' l-intestaturi tariffarji 040210, 040221 u 040229 li joriġinaw fil-Parti tal-KE u importati fir-Repubblika Dominikana flivell ogħla mill-kwantitajiet indikati fil-kolonna A ma għandhomx ikunu ogħla mid-dazji doganali indikati għal dawn il-prodotti fl-Anness 3.

ANNEX IV

LISTI TA' IMPENJI DWAR L-INVESTIMENT U L-KUMMERĊ FIS-SERVIZZI

PARTI TAL-KE

- a. Lista ta' impenji f'konformità ma' l-Artikolu 69 (preżenza kummerċjali)
- b. Lista ta' impenji f'konformità ma' l-Artikolu 78 (forniment ta' servizzi transkonfinali)
- c. Lista ta' riżervi f'konformità ma' l-Artikolu 81 (persunal ewlieni u apprendisti gradwati)
- d. Lista ta' riżervi f'konformità ma' l-Artikolu 83 (fornituri kuntrattwali tas-servizzi u professjonisti indipendenti)

PARTI TAL-CARIFORUM U L-ISTATI FIRMATARJI TAL-CARIFORUM

- e. Lista ta' impenji f'konformità ma' l-Artikolu 69 (preżenza kummerċjali) f'attivitajiet ekonomiċi barra mis-setturi tas-servizzi
- f. Lista ta' impenji f'konformità ma' l-Artikoli 69, 78, 81 u 83 fis-setturi tas-servizzi.

Għall-iskop ta' l-Anness IV jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

Parti tal-KE

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
KE	Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha
ES	Spanja
EE	L-Estonja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
EL	Il-Greċja
HU	L-Ungerija

IE L-Irlanda
IT L-Italja
LV Il-Latvja
LT Il-Litwanja
LU Il-Lussemburgu
MT Malta
NL L-Olanda
PL Il-Polonja
PT Il-Portugall
RO Ir-Rumanija
SK Ir-Repubblika Slovakka
SI Is-Slovenja
SE L-Iżvezja
UK Ir-Renju Unit

Il-Parti tal-CARIFORUM

CAF L-Istati kollha tal-CARIFORUM*
ATG Antigwa u Barbuda
BRB Il-Barbados
BEL Il-Beliże
DMA Dominika
DOM Ir-Repubblika Dominikana
GRD Grenada
GUY Il-Gujana
JAM Il-Ġamajka
KNA Saint Christopher and Nevis
LCA Santa Luċija
VCT San Vinċenz u l-Grenadini
SUR Is-Surinam
TTO Trinidad u Tobago

* Minbarra l-Baĥamas u l-Ħaiti.

ANNEX IV. a

LISTA TA' IMPENJI GĦALL-PREŻENZA KUMMERĊJALI

(imsemmija fl-Artikolu 69)

PARTI TAL-KE

1. Il-lista ta' impenji hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati mill-Parti tal-KE skond l-Artikolu 69 u, permezz ta' riżervi, l-aċċess għas-suq u l-limiti ta' trattament nazzjonali li japplikaw għal stabbilimenti u investituri ta' l-Istati tal-CARIFORUM f'dawk l-attivitajiet. Il-listi jikkonsistu mill-elementi li ġejjin:
 - (a) L-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li fih l-impenn ikun meħud mill-Parti, u l-ambitu ta' liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi.
 - (b) It-tieni kolonna tiddekrivi r-riżervi applikabbli.

Meta l-kolonna msemmija f(b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fiha jkunu hađu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu mingħajr ħsara għar-riżervi orizzontali jew ir-riżervi settorjali tal-KE kollha li jistgħu japplikaw).

Is-setturi jew is-subsetturi li ma jissewewx fil-lista t'hawn taħt m'hemmx impenji fihom.
2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u s-subsetturi individwali:
 - (a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulata fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 4, *ISIC REV 3.1*, 2002.
 - (b) CPC tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, *CPC prov*, 1991.
 - (c) CPC ver. 1.0 tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, *CPC ver 1.0*, 1998.
3. Il-lista t'hawn isfel ma tinkludix miżuri marbuta mar-rekwiżiti għall-kwalifikazzjoni u l-proċeduri, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti ta' liċenzji u proċeduri meta ma jikkostitwixxux aċċess għas-suq jew limitu ta' trattament nazzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikoli 67 u 68 tal-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa għal liċenzja, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa għal eżamijiet speċifiċi, inkluż tal-lingwa, rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jsirux f'żoni

ambjentali protetti jew żoni ta' interess storiku jew artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għall-investituri tal-Parti l-oħra.

4. Skond l-Artikolu 60(3) tal-Ftehim, il-lista ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.
5. Skond l-Artikolu 67 tal-Ftehim, rekwiżiti mhux diskriminatorji fir-rigward tat-tipi ta' forom legali ta' stabbiliment mhux inklużi fil-lista t'hawn taħt.
6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandhomx ikollhom effett ta' eżekuzzjoni awtomatika (self-executing) u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lill-persuni naturali jew persuni ġuridiċi individwali.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Beni immobbli</u></p> <p>AT, BG, CY, CZ, DK, EE, ES, EL, FI, HU, IE, IT, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' art u beni immobbli minn investituri barranin⁴</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Utilitajiet pubbliċi</u></p> <p>KE: L-attivitajiet ekonomiċi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati⁵.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Tipi ta' stabbiliment</u></p> <p>KE: It-trattament mogħti lil sussidjarji (ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi) ffurmati skond il-liġi ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post ewlieni tan-negozju tagħhom fi ħdan il-Komunitajiet, ma jingħatax lil fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru minn kumpanija ta' pajjiż terz.</p> <p>BG: It-twaqqif ta' fergħat huwa soġġett għal awtorizzazzjoni</p> <p>EE: Għallinqas nofs il-membri tal-bord tat-treġġja għandhom ikollhom ir-residenza tagħhom fil-KE.</p> <p>FI: Barrani li qiegħed iwettaq kummerċ bħala bħala msieħeb f'soċjetà kummerċjali Finlandiża limitata jew ġenerali jeħtieġ permess kummerċjali u jrid ikun residenti b'mod permanenti fil-KE. Għas-setturi kollha għajr is-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, kundizzjoni taċ-ċittadinanza u rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas nofs il-membri effettivi u sostituti tal-Bord tad-Diretturi. Madanakollu jistgħu jingħataw ċerti eżenzjonijiet lill-kumpaniji. Jekk organizzazzjoni barranija għandha l-għan li tagħmel negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, jeħtiġilha permess kummerċjali. Jeħtieġ permess biex organizzazzjoni barranija jew persuna privata li mhijiex ċittadina tal-KE taġixxi bħala fundatur ta' kumpanija limitat. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, residenza permanenti għal nofs il-fundaturi u nofs il-membri tal-bord tad-diretturi. Jekk il-fundatur ikun persuna ġuridika, rekwiżit ta' residenza għal dik il-persuna ġuridika.</p> <p>IT: L-aċċess għal attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali huwa soġġett għal permess ta' residenza u awtorizzazzjoni speċifika.</p> <p>BG, PL: L-attivitajiet ta' uffiċċju rappreżentattiv jistgħu jinkludu biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija prinċipali barranija rrapreżentata mill-uffiċċju.</p> <p>PL: Ħlief għas-servizzi finanzjarji, mingħajr restrizzjonijiet għall-fergħat. Investituri li mhux mill-UE jistgħu jieħdu fuqhom u jwettqu attivitajiet ekonomiċi fl-għamla ta' sħubija limitata, kumpanija azzjonarja limitata, u kumpanija b'responsabilità limitata biss (fil-każ ta' servizzi legali fl-għamla ta' sħubija</p>

⁴ Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjonijiet riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

⁵ Minħabba li l-utilitajiet pubbliċi spiss jeżistu wkoll fil-livell sub-ċentrali, elenkar speċifiku għas-settur li jkun iddettaljat u eżawrjenti mhux prattiku. Biex wieħed jifhem aħjar, in-noti speċifiċi ta' qiegħ il-paġna f'din il-lista ta' impenji jindikaw b'mod illustrattiv u mhux eżawrjenti dawk is-setturi fejn l-utilitajiet pubbliċi għandhom rwol ewlieni.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>reġistrata u sħubija limitata biss).</p> <p>RO: L-amministrattur uniku jew il-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni kif ukoll nofs l-għadd totali ta' amministratturi tal-kumpaniji kummerċjali għandhom ikunu ċittadini Rumeni sakemm mhux stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpanija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza ta' l-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u s-sostituti tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni.</p> <p>SE: Kumpanija barranija (li m'għandhiex entità legali stabbilita fl-Iżvezja) għandha twettaq in-negozju tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Iżvezja b'maniġment indipendenti u kotba miżmumin separati. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mir-rekwiżiti li tinħtieġ fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentattiv residenti. Kumpanija b'responsabbiltà ta' responsabbiltà limitata (kumpanija azzjonarja) tista' tiġi stabbilita minn fundatur wieħed jew iktar. Parti fundatriċi għandha tkun residenti fl-Iżvezja jew inkella tkun entità ġuridika Żvediża. Sħubija tista' tkun parti fundatriċi biss jekk kull wieħed mill-imsieħba jkun residenti fl-Iżvezja. Hemm kundizzjonijiet simili għall-istabbiliment tat-tipi l-oħrajn kollha ta' entitajiet legali. Mill-anqas 50 fil-mija mill-membri tal-bord għandhom ikunu residenti fl-Iżvezja. Ċittadini barranin jew Żvediżi li mhumiex residenti fl-Iżvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja jridu jaħtru u jirreġistraw ma' l-awtorità lokali rappreżentant residenti responsabbli għal dawn l-attivitajiet. Il-kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jitneħħew jekk ikun jista' jiġi muri li mhumiex meħtieġa għal każ partikolari.</p> <p>SI: It-twaqqif ta' fergħat minn kumpaniji barranin huwa kkundizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż ta' l-oriġini għal ta' l-anqas sena.</p> <p>SK: Persuna naturali barranija li l-isem tagħha se jitniżżel fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li tagħxi fisem l-intraprenditur, trid tforni permess ta' residenza fir-Repubblika Slovakkja.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Investiment</u></p> <p>ES: L-investment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet pubbliċi barranin (li ġeneralment jimplika mhux biss interessi ekonomiċi iżda wkoll interessi mhux ekonomiċi), direttament jew permezz ta' kumpaniji jew entitajiet oħra kontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern.</p> <p>BG: F'impriżi fejn is-sehem pubbliku (statali jew muniċipali) fil-kapital azzjonarju jaqbeż it-30 fil-mija, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lill-partijiet terzi jeħtieġ awtorizzazzjoni. Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati ma' l-esplojtazzjoni jew l-użu ta' proprjetà ta' l-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Konċessjonijiet. L-investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw fil-privatizzazzjoni. L-investituri barranin u l-persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija ta' kontroll jeħtieġu permess għal a) tiftix, żvilupp jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-ibħra territorjali, l-ixkaffa kontinentali jew iż-żona ekonomika esklussiva u b) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ta' kontroll f'kumpaniji involuti fi kwalunkwe mill-attivitajiet speċifikati fa),</p> <p>FR: Akkwisti barranin li jisbqu t-33.33 fil-mija ta' l-ishma ta' kapital jew tad-drittijiet għall-votazzjoni f'intrapriża Franċiża, jew 20 fil-mija f'kumpaniji Franċiżi kkwotati pubblikament, huma soġġetti għar-regolamenti li ġejjin:</p> <p>- investimenti ta' anqas minn 7.6 miljun Euro f'intrapriżi Franċiżi li għandhom fatturat li ma jaqbiżx is-76 miljun Euro huma ħielsa, wara tul ta' żmien ta' 15-il jum</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>wara notifika minn qabel u verifika li dawn l-ammonti ntlaħqu;</p> <p>- kif jgħaddi xahar min-notifika minn qabel, tingħata awtorizzazzjoni ta' ċitata lil investimenti oħra għajr jekk il-Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeżerċita d-dritt tiegħu li jipposponi l-investment.</p> <p>Parteċipazzjoni barranija f'kumpanija li għadha kemm ġiet privatizzata tista' tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur ta' l-ishma tal-kumpanija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-gvern ta' Franza skond kull każ. Għat-twaqqif ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, tinħtieġ awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur managerjali m'għandux permess ta' residenza permanenti.</p> <p>FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji barranin li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti, (b'iżjed minn 1000 impjegat jew b'fatturat ta' iżjed minn 168 miljun Euro jew b'bilanċ totali ta' iżjed minn 168 miljun Euro) huwa soġġett għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma tista' ma tingħatax biss jekk ikun hemm interess nazzjonali importanti mhedd. Dawn il-limitazzjonijiet ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni.</p> <p>HU: M'hemmx restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji li għadhom kemm ġew privatizzati.</p> <p>IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklussivi għand kumpaniji li għadhom kemm ġew privatizzati. F'xi każijiet id-drittijiet għall-vot f'kumpaniji li għadhom kemm ġew privatizzati jistgħu jkunu limitati. Għal perjodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' ammonti kbar ta' interess f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun soġġett għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Żoni ġeografiċi</u></p> <p>FI: Fil-gżejjer Åland, limitazzjonijiet fuq id-dritt ta' l-istabbiliment ta' persuni naturali li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland jew ta' persuni ġuridiċi mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.</p>
1. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTRIJA	
<p><u>A. Agrikoltura, kaċċa</u></p> <p>(ISIC rev 3.1: 011, 012, 013, 014, 015) minbarra servizzi ta' konsulenza⁶</p>	<p>AT, HU, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għall-attivitajiet agrikoli</p> <p>CY: Il-parteċipazzjoni mhux mill-UE hija permessa biss sa 49 fil-mija.</p> <p>FR: It-twaqqif ta' impriżi agrikoli minn ċittadini li mhux ta' l-UE u l-akkwist ta' dwieli minn investituri li mhux mill-UE huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni.</p> <p>IE: L-istabbiliment minn persuni li m'humiex residenti tal-Komunità f'attivitajiet ta' dħin tad-dqiq huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni.</p>
<p><u>B. Silvikultura u qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam</u></p>	<p>BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-attivitajiet ta' qtugħ u trasport tas-siġar għall-injam</p>

⁶ Is-servizzi ta' konsulenza marbuta ma' l-agrikoltura, il-kaċċa, is-silvikultura u s-sajd jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.f) u 6.F.g).

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(ISIC rev 3.1: 020) minbarra servizzi ta' konsulenza ⁷	
2. SAJD U AKKWAKULTURA	
(ISIC rev.3.1: 0501, 0502) minbarra servizzi ta' konsulenza ⁸	<p>AT: Mill-inqas 25 fil-mija tal-bastimenti għandhom ikunu rreġistrati fl-Awstrija.</p> <p>BE, FI, IE, LV, NL, PT, SK: L-investituri barranin mhux inkorporati u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom mhux fil-Belġju, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja, l-Olanda, il-Portugall u r-Repubblika Slovakkja rispettivament ma jistgħux ikunu sidien ta' bastimenti tal-bandiera Belġjana, Finlandiża, Irlandiża, Latvjana, Olandiża, Portugiża u Slovakkja rispettivament.</p> <p>CY, EL: Il-parteciċipazzjoni mhux mill-UE hija permessa biss sa 49 fil-mija.</p> <p>DK: Dawk li mhux residenti ta' l-UE ma jistgħux ikollhom terz jew iktar minn negozju involut f'sajd kummerċjali. Dawk li mhux residenti tal-KE ma jistgħux ikollhom bastimenti tal-bandiera Daniża ħlief permezz ta' impriża inkorporata fid-Danimarka.</p> <p>FR: Dawk li mhux ċittadini tal-Komunità ma jistgħux jipparteċipaw fi proprjetà Statali marittima għal akkwakultura tal-ħut/krustaċji u molluski/algji. L-investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Franza ma jistgħux ikollhom iktar minn 50 fil-mija ta' bastiment tal-bandiera Franċiża.</p> <p>DE: Il-liċenzja għas-sajd fil-baħar tingħata biss lill-bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera Ġermaniża. Dawn huma bastimenti tas-sajd li l-maġġoranza ta' l-ishma tagħhom ikunu proprjetà ta' jkollhom il-post tan-negozju prinċipali tagħhom fi Stat Membru. L-użu tal-bastimenti jrid ikun ġestit u sorveljat minn persuni residenti fil-Ġermanja. Biex jikseb liċenzja għas-sajd, kull bastiment tas-sajd irid jirreġistra ma' l-istat kostali rilevanti fejn il-bastimenti jkollhom il-port ewlieni tagħhom.</p> <p>EE: Bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera ta' l-Estonja jekk jinsabu fl-Estonja u l-maġġoranza tal-proprjetà tkun ta' ċittadini Estonjani fi sħubija ġenerali u f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata, jew entitatijiet legali oħra li jinsabu fl-Estonja bil-maġġoranza tal-voti f'idejn persuni mill-Estonja fil-Bord Maniġerjali.</p> <p>BG, HU, LT, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>IT: Barranin mhux residenti tal-Komunità ma jistgħux ikollhom interess maġġoritarju f'bastimenti li jtajru l-bandiera Taljana jew interess ta' kontroll f'kumpaniji tal-bastimenti li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Italja. Is-sajd fl-ilmijiet territorjali Taljani huma riżervati għal bastimenti tal-bandiera Taljana.</p> <p>SE: L-investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Iżvezja ma jistgħux ikollhom iktar minn 50 fil-mija ta'</p>

⁷ Is-servizzi ta' konsulenza marbuta ma' l-agrikoltura, il-kaċċa, is-silvikultura u s-sajd jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.f) u 6.F.g).

⁸ Is-servizzi ta' konsulenza marbuta ma' l-agrikoltura, il-kaċċa, is-silvikultura u s-sajd jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.f) u 6.F.g).

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>bastiment tal-bandiera Żvediża. L-akkwist minn investituri barranin ta' 50 fil-mija jew aktar ta' l-ishma f'kumpaniji involuti f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali fl-ibħra territorjali Żvediżi jirrikjedi awtorizzazzjoni.</p> <p>SI: Il-bastimenti huma intitolati jtajru l-bandiera Slovena jekk iktar minn nofs il-bastiment ikun proprjetà ta' ċittadini tal-KE jew ta' persuni ġuridiċi li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fi Stat Membru tal-KE.</p> <p>UK: Riżerva fuq l-akkwist ta' bastimenti b'bandiera tar-Renju Unit, sakemm l-investiment ma jkunx mill-inqas 75% fil-pussess ta' ċittadini Britanniċi u/jew kumpaniji li mill-inqas 75% minnhom huwa fil-pussess ta' ċittadini Britanniċi. F'kull każ dawn iċ-ċittadini Britanniċi jridu jkunu residenti u domiċiljati fir-Renju Unit. Il-bastimenti jridu jkunu ġestiti, diretti u kkontrollati mir-Renju Unit.</p>
3. MINJIERI U BARRIERI ⁹	
<p><u>A. Minjieri tal-faħam u l-lignite; estrazzjoni tal-pit</u> (ISIC rev 3.1: 10)</p> <p><u>B. Estrazzjoni taż-żejt mhux raffinat u l-gass naturali</u>¹⁰ (ISIC rev 3.1: 1110)</p> <p><u>C. Minjieri ta' minerali tal-metall</u> (ISIC rev 3.1: 13)</p> <p><u>D. Xogħol ieħor fil-minjieri u fil-barrieri</u> (ISIC rev 3.1: 14)</p>	<p>KE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri ta' l-enerġija jistgħu jkunu proġbiti milli jiksbu kontroll ta' l-attività. Mhemmx restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). Mingħajr restrizzjonijiet għall-estraxxjoni ta' żejt mhux raffinat u gass naturali.</p>
4. MANIFATTURA ¹¹	
<p><u>A. Manifattura ta' prodotti ta' l-ikel u x-xorb</u> (ISIC rev 3.1: 15)</p>	Xejn
<p><u>B. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk</u> (ISIC rev 3.1: 16)</p>	Xejn

⁹ Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

¹⁰ Ma jinkludix is-servizzi ta' konsulenza marbuta mal-manifattura, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.h).

¹¹ Ma jinkludix is-servizzi ta' konsulenza marbuta mal-manifattura, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.h).

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<u>C. Manifattura tat-tessuti</u> (ISIC rev 3.1: 17)	Xejn
<u>D. Manifattura tal-ħwejjeġ; preparazzjoni u tiżbigħ tal-fer</u> (ISIC rev 3.1: 18)	Xejn
<u>E. Kunzatura u preparazzjoni tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, handbags, prodotti tas-sruġ, xdud u żraben</u> (ISIC rev 3.1: 19)	Xejn
<u>F. Manifattura ta' injam u ta' prodotti ta' l-injam u s-sufra, għajr l-għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali tat-trizza</u> (ISIC rev 3.1: 20)	Xejn
<u>G. Manifattura ta' karta u prodotti tal-karti</u> (ISIC rev 3.1: 21)	Xejn
<u>H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata</u> ¹² (ISIC rev 3.1: 22, ħlief pubblikazzjoni u stampar b'bażi ta' miżata jew kuntratt ¹³)	IT: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għal sid il-kumpanija tal-pubblikazzjoni u l-istampar.
<u>I. Manifattura ta' prodotti tal-fran tal-kokk</u> (ISIC rev 3.1: 231)	Xejn
<u>J. Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat</u> ¹⁴ (ISIC rev 3.1: 232)	KE: L-investituri minn pajjiżi li huma fornituri ta' l-enerġija jistgħu jkunu pprojbiti milli jiksbu kontroll ta' l-attività. M'hemmx restrizzjonijiet fuq ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).

¹² Is-settur huwa limitat għal attivitajiet ta' manifattura. Ma jinkludix attivitajiet li huma relatati ma' l-awdjoviżjoni jew għandhom kontenut kulturali.

¹³ Pubblikazzjoni u stampar fuq bażi ta' miżata jew kuntratt jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU under 6.F.p).

¹⁴ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p><u>K. Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi barra mill-isplussivi</u></p> <p>(ISIC rev 3.1: 24 minbarra l-manifattura ta' l-isplussivi)</p>	Xejn
<p><u>I. Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik</u></p> <p>(ISIC rev 3.1: 25)</p>	Xejn
<p><u>M. Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi</u></p> <p>(ISIC rev 3.1: 26)</p>	Xejn
<p><u>N. Manifattura ta' metalli bażiċi</u></p> <p>(ISIC rev 3.1: 27)</p>	Xejn
<p><u>Q. Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikat, minbarra makkinarju u apparat</u></p> <p>(ISIC rev 3.1: 28)</p>	Xejn
<p><u>P. Manifattura ta' makkinarju</u></p>	
<p>a) Manifattura ta' makkinarju għal għanijiet ġenerali</p> <p>(ISIC rev 3.1: 291)</p>	Xejn
<p>b) Manifattura ta' makkinarju bi skopijiet speċjali minbarra armi u munizzjonijiet</p> <p>(ISIC rev 3.1: 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929)</p>	Xejn
<p>c) Manifattura ta' apparat domestiku n.e.c.</p> <p>(ISIC rev 3.1: 293)</p>	Xejn
<p>d) Manifattura ta' makkinarju għall-uffiċju, għaż-żamma tal-kotba u għal xogħol tal-kompjuters</p> <p>(ISIC rev 3.1: 30)</p>	Xejn
<p>e) Manifattura ta' makkinarju</p>	Xejn

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
u apparat ta' l-elettriku n.e.c. (ISIC rev 3.1: 31)	
f) Manifattura ta' tagħmir u apparat għar-radju, it-televiżjoni u l-komunikazzjoni (ISIC rev 3.1: 32)	Xejn
<u>Q. Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi ta' l-idejn u arloġġi tal-ħajt</u> (ISIC rev 3.1: 33)	Xejn
<u>R. Manifattura ta' vetturi bil-magna, trejlers u semi-trejlers</u> (ISIC rev 3.1: 34)	Xejn
<u>S. Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport (mhux militari)</u> (ISIC rev 3.1: 35 minbarra l-manifattura ta' bastimenti tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor għat-trasport għal użu militari)	Xejn
<u>T. Manifattura ta' l-għamara; manifattura n.e.c.</u> (ISIC rev 3.1: 361, 369)	Xejn
<u>U. Riċiklaġġ</u> (ISIC rev 3.1: 37)	Xejn
5. PRODUZZJONI; TRAŻMISSJONI U DISTRIBUZZJONI GĦAL RASHOM TA' L-ELETTRIKU, IL-GASS, L-ISTIM U L- MISĦUN ¹⁵ (minbarra l-ġenerazzjoni nukleari)	

¹⁵ Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
ta' l-elettriku)	
<p><u>A. Produzzjoni ta' l-elettriku trażmissjoni u distribuzzjoni ta' l-elettriku għal rashom</u></p> <p>(parti minn ISIC rev 3.1: 4010)¹⁶</p>	<p>KE: L-investituri minn pajjiżi li huma fornituri ta' l-enerġija jistgħu jkunu pprojbiti milli jiksbu kontroll ta' l-attività. M'hemm restrizzjonijiet fuq ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).</p>
<p><u>B. Manifattura tal-gass; distribuzzjoni ta' fjuwil fi stat ta' gass permezz tal-mejns għal rashom</u></p> <p>(parti minn ISIC rev 3.1: 4020)¹⁷</p>	<p>KE: L-investituri minn pajjiżi li huma fornituri ta' l-enerġija jistgħu jkunu pprojbiti milli jiksbu kontroll ta' l-attività. M'hemm restrizzjonijiet fuq ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).</p>
<p><u>C. Produzzjoni ta' l-istim u l-misħun; Distribuzzjoni ta' l-istim u l-misħun għal rashom</u></p> <p>(parti minn ISIC rev 3.1: 4030)¹⁸</p>	<p>KE: L-investituri minn pajjiżi li huma fornituri ta' l-enerġija jistgħu jkunu pprojbiti milli jiksbu kontroll ta' l-attività. M'hemm restrizzjonijiet fuq ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).</p>
6. SERVIZZI TAN-NEGOZJU	
<u>A. Servizzi professjonali</u>	
<p>a) Servizzi legali</p> <p>(CPC 861)¹⁹</p> <p>(minbarra servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħan-nutara, <i>huissiers de justice</i> jew <i>officiers publics et ministériels</i> oħrajn)</p>	<p>AT: Il-parteciġazzjoni ta' avukati barranin (li għandhom ikunu kkwalifikati bis-siħ f'pajjiżhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet.</p> <p>BE: Japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-“Cour de cassation” f'każijiet mhux kriminali.</p> <p>FR: L-aċċess ta' l-avukati għall-professjoni ta' “avocat auprès de la Cour de Cassation” u “avocat auprès du Conseil d'Etat” huwa soġġett għal kwoti.</p> <p>DK: Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw u ufficijanti legali rreġistrati fid-Danimarka li jistgħu jkollhom ishma f'uffiċċju legali Daniż. Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw li jistgħu jkunu fuq il-bord jew ikunu parti mill-maniġment ta' kumpanija legali Daniża. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża biex tippattika.</p> <p>FR: Xi tipi ta' forum legali ("association d'avocats" u "société en participation d'avocat") huma riżervati għal avukati ammessi bis-siħ fil-Qorti fi FR. F'kumpanija legali li toffri servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-KE, mill-inqas 75 fil-mija ta' l-imsieħba li jkollhom 75 fil-mija ta' l-ishma għandhom ikunu avukati ammessi bis-siħ fl-avukatura fi FR.</p>

¹⁶ Ma tinkludix it-ħaddim ta' sistemi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriku fuq bażi ta' miżati jew kuntratt, li jinstabu fis-SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA.

¹⁷ Ma jinkludix it-trasport ta' gass naturali u fjuwils f'għamla ta' gass permezz ta' pajpijiet, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-gass fuq bażi ta' miżati jew kuntratt u l-bejgħ ta' gass naturali u fjuwils f'għamla ta' gass, li jinstabu fis-SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA.

¹⁸ Ma jinkludix it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' stim u misħun fuq bażi ta' miżata jew kuntratt u l-bejgħ ta' stim u misħun, li jinstabu fis-SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>HU: Il-preżenza kummerċjali trid tiegħi s-sura ta' sħubija ma' barrister Ungeriż (ügyvéd) jew ma' uffiċċju ta' barrister (ügyvédi iroda), jew uffiċċju rappreżentattiv.</p> <p>PL: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal avukati tal-KE, avukati barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' sħubiji reġistrati u sħubiji limitati.</p>
<p>b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba</p> <p>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' verifika", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)</p>	<p>AT: Il-parteċipazzjoni ta' accountants barranin (li għandhom ikunu awtorizzati skond il-liġi tal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijaku</p> <p>CY: L-aċċess huwa soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-qagħda ta' l-impjiegi fis-subsettur.</p> <p>DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' accountants awtorizzati Daniżi, l-accountants barranin għandhom jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ.</p>
<p>b) 2. Servizzi ta' verifika</p> <p>(CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabilità)</p>	<p>AT: Il-parteċipazzjoni ta' awdituri barranin (li għandhom ikunu awtorizzati skond il-liġi tal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijaku</p> <p>CY: L-aċċess huwa soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-qagħda ta' l-impjiegi fis-subsettur.</p> <p>CZ u SK: Mill-inqas 60 fil-mija ta' l-ishma kapitali jew id-drittijiet tal-vot huma riżervati għaċ-ċittadini</p> <p>DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' accountants awtorizzati Daniżi, l-accountants barranin għandhom jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ.</p>

19

Jinkludu servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentazzjoni legali, arbitraġġ u konċiljazzjoni/medjazzjoni legali, u dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali. L-għoti ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali, il-liġi tal-KE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew l-istaff tiegħu jkunu kwalifikati bħala avukati, u, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzja u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn l-obbligi u proċeduri jistgħu jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità ma' kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titlu ta' l-oriġini (sakemm inkiseb rikonoxximent mat-titlu tal-pajjiż ospitanti), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Qorti tal-pajjiż ospitanti jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Fil-prinċipju, is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-KE għandhom isiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-avukatura tal-KE huwa u jaġixxi personalment, u servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ fl-avukatura ta' dak l-Istat Membru huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura ta' l-Istat Membru relevanti ta' l-Unjoni Ewropea tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentazzjoni fil-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fil-KE billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-KE. Madankollu, fxi Stati Membri, l-avukati barranin li ma jkunux ammessi bis-sħiħ fl-avukatura huma permessi jirrapreżentaw fi proċedimenti ċivili parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>FI: Rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija ta' responsabbiltà Finlandiża</p> <p>LV: F'kumpanija kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja iktar minn 50 fil-mija ta' l-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta' awdituri bil-liċenzja jew kumpaniji kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja tal-KE.</p> <p>LT: Mhux inqas minn 75 fil-mija ta' l-ishma għandhom ikunu ta' awdituri jew kumpaniji tal-verifika tal-KE.</p> <p>SE: Huma biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja li jistgħu jwettqu servizzi legali ta' verifika f'ċerti entitajiet ġuridiċi, fosthom il-kumpaniji kollha limitati. Huma biss dawn il-persuni li jistgħu jkunu sidien ta' l-ishma jew jiffurmaw sħubiji f'kumpaniji li jipprattikaw verifika kkwalifikata (għal skopijiet uffiċjali). Ir-residenza meħtieġa għall-approvazzjoni.</p> <p>SI: Is-sehem ta' persuni barranin f'kumpaniji tal-verifika ma jistax jaqbeż id-49 fil-mija tal-kapital azzjonarju.</p>
<p>c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa (CPC 863)²⁰</p>	<p>AT: Il-parteciċipazzjoni ta' fondi proprji u ishma ta' konsulenti tat-taxxa barranin (li jridu jkunu awtorizzati skond il-liġi tal-pajjiż tagħhom ta' oriġini) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe uffiċċju legali Awstrijak ma tistax taqbeż il-25%; din tapplika biss għal persuni li mhumiex membri tal-Korp Professjonali Awstrijak</p> <p>CY: L-aċċess huwa suġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: Il-qagħda ta' l-impjiegi fis-subsettur.</p>
<p>d) Servizzi arkitettorali; u e) Ippjanar urban u servizzi arkitettorali tat-Tisbiħ tal-Pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)</p>	<p>BG: Għal proġetti ta' sinifikanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri barranin għandhom jaġixxu f' sħubija bħala subkuntratturi ta' investituri lokali.</p> <p>LV: Għal servizzi arkitettorali, Prattika ta' 3 snin fil-Latvja fil-qasam ta' proġettar u lawrea mill-università huma meħtieġa sabiex tingħata l-liċenzja li tippermetti li twettaq attività ta' negozju bil-firxa sħiħa ta' responsabbiltà legali u drittijiet għall-iffirmar tal-proġetti</p>
<p>f) Servizzi ta' inġinerija u g) Servizzi integrati ta' inġinerija (CPC 8672 u CPC 8673)</p>	<p>BG: Għal proġetti ta' sinifikanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri barranin għandhom jaġixxu f' sħubija bħala subkuntratturi ta' investituri lokali.</p>
<p>h) Servizzi mediċi (inklużi psikoloġi) u Servizzi dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)</p>	<p>AT: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' dentisti u għal psikoloġi u psikoterapisti, fejn: Xejn.</p> <p>DE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobbja mediċi u dentisti awtorizzati li jittrattaw membri ta' skemi pubbliċi ta' assikurazzjoni. Kriterji ewlenin: nuqqas ta'</p>

²⁰

Ma jinkludux is-servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet tat-taxxa, li jinsabu taħt 6.A.a). Servizzi legali

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>li jkollhom il-fergħa tagħhom fil-Finlandja jistgħu joffru servizzi ta' assikurazzjoni diretta (inkluż il-ko-assikurazzjoni). Il-forniment ta' servizzi ta' sensara ta' l-assikurazzjoni huwa soġġett għal post permanenti ta' negozju fil-KE.</p> <p>HU: Il-forniment ta' assikurazzjoni diretta fit-territorju ta' l-Ungerija bil-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni mhux stabbiliti fil-KE huwa permess biss minn uffiċċju ta' fergħa rreġistrata fl-Ungerija</p> <p>IT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-professjoni attwarjali. L-assikurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assikurazzjoni tal-vetturi bħala tali u l-assikurazzjoni kontra r-responsabbiltà tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji ta' l-assikurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjoni lejn l-Italja.</p> <p>SE: Il-provvista ta' assikurazzjoni diretta hija permessa biss permezz ta' fornitur ta' servizz ta' l-assikurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, bil-kundizzjoni li l-fornitur barrani tas-servizz u l-kumpanija ta' l-assikurazzjoni Żvediża jkunu proprjetà ta' l-istess grupp ta' kumpaniji jew għandhom ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom.</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>AT, BE, BG, CZ, CY, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SE, SI, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għall-intermedjazzjoni</p> <p>BG: Għall-assikurazzjoni diretta, persuni Bulgari fiżiċi u ġuridiċi, kif ukoll persuni barranin li jagħmlu attività ta' negozju fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, jistgħu jikkonkludu kuntatti ta' assikurazzjoni ma' fornituri fir-rigward ta' l-attività tagħhom fil-Bulgarija biss, li huma liċensjati li jagħmlu attività ta' assikurazzjoni fil-Bulgarija. Il-kumpens ta' assikurazzjoni li jirriżulta minn dawn il-kuntratti għandu jitħallas fil-Bulgarija. Mhux marbuta għad-depositi ta' assikurazzjoni u skemi simili ta' kompensazzjoni, kif ukoll skemi mandatorji ta' assikurazzjoni.</p> <p>IT: L-assikurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assikurazzjoni tal-vetturi bħala tali u l-assikurazzjoni kontra r-responsabbiltà tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji ta' l-assikurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjoni lejn l-Italja.</p>
<p><u>B.Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (esklużi l-assikurazzjoni)</u></p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>AT, BE, BG, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SK, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' data finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra minbarra l-intermedjazzjoni</p> <p>BE: Jinħtieġ stabbiliment fil-Belġju biex jingħataw servizzi ta' konsultazzjoni dwar l-investment.</p> <p>BG: Jista' jkun hemm xi limitazzjonijiet u kundizzjonijiet marbuta ma' l-</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>użu ta' netwerk ta' telekomunikazzjonijiet.</p> <p>CY: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-kummerċ ta' garanziji trasferibbli, għall-forniment informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra minbarra l-intermedjazzjoni</p> <p>EE: Għall-aċċettazzjoni tad-depożiti, tinħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità Superviżorja finanzjarja ta' l-Estonja u regjistrazzjoni skond il-Liġi ta' l-Estonja bħala kumpanija azzjonarja, sussidjarja jew fergħa.</p> <p>EE: It-twaqqif ta' kumpanija tal-maniġment speċjalizzata tinħtieġ twettaq attivitajiet ta' maniġment ta' fondi ta' investment, u huma biss dawk il-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom irregjistrat fil-Komunità li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji ta' l-assi ta' fondi għall-investment.</p> <p>LT: It-twaqqif ta' kumpanija tal-maniġment speċjalizzata tinħtieġ twettaq attivitajiet ta' maniġment ta' unit trusts u ta' kumpaniji għall-investment, u huma biss dawk il-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom irregjistrat fil-Komunità li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji ta' l-assi ta' fondi għall-investment.</p> <p>IE: Biex jiġu pprovduti servizzi ta' investment jew ta' pariri dwar l-investimenti fl-Irlanda, jinħtieġu jew (I) l-awtorizzazzjoni li normalment titlob li l-entità tkun inkorporata jew li tkun soċjetà, jew negozjant uniku, u f'kull każ bis-sede jew b'uffiċċju regjistrat fl-Irlanda (l-awtorizzazzjoni ma tkunx meħtieġa f'ċerti każi, per eżempju, fil-każ ta' fornitur ta' servizz minn pajjiż terz li ma jkollux preżenza kummerċjali fl-Irlanda u s-servizz ma jingħatax lil persuni privati), jew (II) l-awtorizzazzjoni fi Stat Membru ieħor b'konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' l-Investment fil-KE.</p> <p>IT: Mingħajr restrizzjonijiet għal "promotori di servizi finanziari" (bejjiegħa finanzjarji).</p> <p>LV: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-parteċipazzjoni fl-għoti ta' kull tip ta' garanziji, għall-forniment informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra minbarra l-intermedjazzjoni</p> <p>LT: Il-preżenza kummerċjali hija rikjesta għall-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet</p> <p>MT: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-aċċettanza tad-depożiti, għas-self ta' kull tip, għall-forniment informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra minbarra l-intermedjazzjoni</p> <p>PL: Għall-għoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u softwer relatat: Rekwiżiti sabiex jintuża n-netwerk tat-telekomunikazzjoni pubblika, jew in-netwerk ta' operaturi awtorizzati oħra.</p> <p>RO: Mingħajr restrizzjonijiet għal kiri finanzjarju, għall-kummerċ ta' strumenti tas-suq finanzjarju, l-iskambju tal-valuti, prodotti derivattivi, ir-rata tal-kambju u l-istrumenti tar-rata ta' interess, garanziji trasferibbli u strumenti negozjabbli oħra u assi finanzjarji, għall-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' garanzija, għall-ġestjoni ta' l-assi u għal servizzi ta'</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>likwidazzjoni u kompensazzjoni għal assi finanzjarji. Servizzi ta' pagamenti u trażmissjoni tal-flus huma permessi biss minn bank residenti.</p> <p>SI:</p> <p>(i) Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' bonds tat-Teżor, ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet: M'hemmx irbit.</p> <p>(ii) Is-subsetturi l-oħra kollha, ħlief il-partiċipazzjoni fil-ħruġ ta' bonds tat-Teżor, ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet, l-għoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u servizzi konsultattivi u servizzi finanzjarji oħra. Mingħajr restrizzjonijiet ħlief rigward l-aċċettazzjoni ta' krediti (self ta' kull tip) u garanziji u impenji minn istituzzjonijiet ta' kreditu barranin, minn entitajiet legali domestiċi u proprjetarji uniċi. Persuni barranin jistgħu joffru titoli barranin biss permezz ta' banek domestiċi u kumpaniji ta' senserija. Il-membri tal-Borża Slovena għandhom ikunu inkorporati fir-Repubblika tas-Slovenja jew ikunu ferġat ta' kumpaniji jew banek barranin ta' l-investment.</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>BG: Jista' jkun hemm xi limitazzjonijiet u kundizzjonijiet marbuta ma' l-użu ta' network ta' telekomunikazzjonijiet.</p> <p>PL: Għall-għoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjara u softwer relatat: Rekwiżiti sabiex jintuża n-network tat-telekomunikazzjoni pubblika, jew in-network ta' operaturi awtorizzati oħra.</p>
<p>8. SERVIZZI TAS-SAĦĦA U SERVIZZI SOĊJALI</p> <p>(servizzi li jieħdu fondi privati biss)</p>	
<p><u>A. Servizzi ta' Sptar</u></p> <p>(CPC 9311)</p> <p><u>C. Faċilitajiet residenzjali tas-saħħa minbarra s-servizzi ta' l-isptarijiet</u></p> <p>(CPC 93193)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>AT, BE, BG, DE, CY, CZ, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LT, MT, LU, NL, PL, PT, RO, SI, SE, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>Xejn</p>
<p><u>D. Servizzi Soċjali</u></p> <p>(CPC 933)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, EL, FI, FR, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>BE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi soċjali ħlief djar konvalexenti u tal-kura u djar tax-xjuħ</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
9. TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MA' L-IVJAĠĠAR	
<u>A. Lukandi, Restoranti u "Catering"</u> (CPC 641, CPC 642 u CPC 643) minbarra catering fis-servizzi tat-trasport ta' l-ajru¹⁰⁹	<u>Għall-modalità 1:</u> AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FR, EL, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għall-catering. <u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
<u>B. Servizzi ta' Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Operaturi tat-Tours:</u> (inklużi l-meniġers tat-tours) (CPC 7471)	<u>Għall-modalità 1:</u> BG, HU: Mingħajr restrizzjonijiet <u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
<u>C. Servizzi ta' gwidi tat-turisti</u> (CPC 7472)	<u>Għall-modalità 1:</u> BG, CY, CZ, HU, IT, LT, MT, PL, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. <u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
10. SERVIZZI TA' REKREAZZJONI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi)	
<u>A. Servizzi tad-Divertiment (inkluż servizzi ta' Teatru, Baned Lajv, ċirku u diskoteki)</u> (CPC 9619)	<u>Għall-modalità 1:</u> BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, UK: Mingħajr restrizzjonijiet <u>Għall-modalità 2:</u> CY, CZ, FI, MT, PL, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet BG: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal produttori teatrali, gruppi tal-kant, baned u orkestri u servizzi ta' divertiment (CPC 96191); servizzi pprovduti minn awturi, kompożituri, skulturi, u artisti oħra individwali (CPC 96192); Servizzi teatrali anċillari (CPC 96193)

¹⁰⁹ Il-catering fis-servizzi tat-trasport bl-ajru jinsabu f'SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAS-SERVIZZI TAT-TRASPORT f'12.D.a) Servizzi ta' ground-handling

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>EE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi oħra ta' divertiment (CPC 96199), ħlief għal servizzi ta' swali taċ-ċinema</p> <p>LT, LV: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' operat ta' teatru ċinematografiku (parti minn CPC 96199)</p>
<p><u>B. Servizzi ta' l-Aħbarijiet u Aġenziji ta' l-Istampa</u> (CPC 962)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u> Xejn</p>
<p><u>C. Libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra</u> (CPC 963)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u> BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u> BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p>
<p><u>D. Servizzi ta' l-Ispport</u> (CPC 9641)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>AT: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' skola ta' l-iski u ta' gwida tal-muntanji.</p> <p>BG, CZ, LV, MT, PL, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 1:</u> CY, EE: Mingħajr restrizzjonijiet</p>
<p><u>E. Servizzi tal-parki rikreattivi u l-bajjiet</u> (CPC 96491)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u> Xejn</p>
<p>11. TRASPORT</p>	

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi	
<p>A. Trasport marittimu</p> <p>a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 <u>eskluż il-kabotaġġ nazzjonali</u>)</p> <p>b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 <u>eskluż il-kabotaġġ nazzjonali</u>)¹¹⁰</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>BG, CY, DE, EE, ES, FR, FI, EL, IT, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI and SE: Servizzi ta' distribuzzjoni (feeder) bl-awtorizzazzjoni.</p>
<p>B. Rotot Navigabbli Interni</p> <p>a) Trasport tal-Passiġġieri (CPC 7221)</p> <p>b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7222)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>KE: Miżuri bażati fuq ftehimiet eżistenti u futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma fil-pajjiż (inklużi ftehimiet li ġew wara r-rabta Rhine-Main-Danube) jirriżervaw ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bażati fil-pajjiżi konċernati u li jissodisfaw kriterji ta' ċittadinanza dwar pussess. Regolamenti li jimplementaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar Tbaħħir fir-Rhine.</p> <p>AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għat-twaqqif ta' kumpanija tat-tbaħħir minn persuni naturali. Fil-każ tat-twaqqif minn persuna ġuridika, kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali, tal-bord tal-maniġment u tal-bord tas-supervizzjoni. Kumpanija reġistrata jew stabbiliment permanenti fl-Awstrija meħtieġa. Ma' dan, il-maġġoranza ta' l-ishma tan-negozju għandhom ikunu fil-pussess ta' ċittadini tal-KE.</p> <p>BG, CY, CZ, EE, FI, HU, LT, MT, RO, SE, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet</p>
<p>C. <u>Trasport bil-Ferrovija</u></p> <p>a) Trasport tal-Passiġġieri (CPC 7111)</p> <p>b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>KE: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>Xejn.</p>

¹¹⁰ Jinkludu servizzi ta' feeder u moviment tat-tagħmir minn fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali bejn portijiet li jinsabu fl-istess Stat fejn m'hemmx dħul finanzjarju involut.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p><u>D. Trasport tat-Toroq</u></p> <p>a) Trasport tal-Passiġġiera (CPC 7121 u CPC 7122)</p> <p>b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123, minbarra t-trasport tal-posta għal rashom¹¹¹).</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>KE: M'hemmx irbit.</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>Xejn</p>
<p><u>E. Trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhux fjuwil¹¹²</u> (CPC 7139)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>KE: M'hemmx irbit.</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p>
12. SERVIZZI AWŻILJARJI TAT-TRASPORT ¹¹³	
<p><u>A. Servizzi awżiljarji tat- Trasport Marittimu</u></p> <p>a) Servizzi ta' cargo handling marittima</p> <p>b) Servizzi ta' Ħażna u ta' Mhażen (parti minn CPC 742)</p> <p>c) Servizzi ta' Żdoganar</p> <p>d) Stazzjon tal-Containers u servizzi ta' depot</p> <p>e) Servizzi ta' aġenzija marittima</p> <p>f) Servizzi Marittimi ta' Dispaċċ tal-Merkanzija (Freight Forwarding)</p> <p>g) Nolleġġ ta' bastimenti bl-ekwipaġġ</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>KE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' żdoganar u għal servizzi ta' l-istazzjoni tal-kontejner u d-depot</p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' cargo-handling marittima</p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' magazzinaġġ u ħżin</p> <p>AT, BE, CY, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mbuttjar u rmunkar</p> <p>AT, BG, CY, CZ, DE, EE, HU, LT, MT, PL, RO, SK, SI, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>Xejn</p>

¹¹¹ Parti minn CPC 71235, li għandu jinsab taħt SERVIZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI f2.A. Servizzi Postali u ta' Kurjer.

¹¹² It-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA f13.B

¹¹³ Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinsabu f'SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 1.F.I) 1 sa 1.F.I) 4.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p>(CPC 7213)</p> <p>h) Servizzi ta' mbuttjar u rmunkar</p> <p>(CPC 7214)</p> <p>I) Servizzi ta' sostenn għal trasport marittimu</p> <p>(parti minn CPC 745)</p> <p>j) Servizzi ta' appoġġ u awżiljarji oħra</p> <p>(parti minn CPC 749)</p>	
<p>B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fuq il-mogħdijiet interni ta' l-ilma</p> <p>a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija (cargo handling)</p> <p>(parti minn CPC 741)</p> <p>b) Servizzi ta' Ħażna u ta' Mhażen</p> <p>(parti minn CPC 742)</p> <p>c) Servizzi ta' aġenzija tat-Transport tal-Merkanzija</p> <p>(parti minn CPC 748)</p> <p>d) Nollegġ ta' bastimenti bl-ekwipaġġ</p> <p>(CPC 7223)</p> <p>e) Servizzi ta' mbuttjar u rmunkar</p> <p>(CPC 7224)</p> <p>f) Servizzi ta' sostenn lit-trasport fil-mogħdijiet ta' l-ilma interni</p> <p>(parti minn CPC 745)</p> <p>g) Servizzi ta' appoġġ u awżiljarji oħra</p> <p>(parti minn CPC 749)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>KE: Il-miżuri bażati fuq patti eżistenti u futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma fil-pajjiż (inklużi patti li ġew wara r-rabta Rhine-Main-Danube), li tirriżerva ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bażati fil-pajjiżi konċernati u li jissodisfaw kriterji ta' ċittadinanza dwar pussess. Regolamenti li jimplementaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar Tbaħħir fir-Rhine.</p> <p>KE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mbuttjar u rmunkar</p> <p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HU, LV, LT, MT, RO, SK, SI, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p>C. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija</p> <p>a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija (cargo handling) (parti minn CPC 741)</p> <p>b) Servizzi ta' Ħażna u ta' Mhażen (parti minn CPC 742)</p> <p>c) Servizzi ta' aġenzija tat-Trasport tal-Merkanzija (parti minn CPC 748)</p> <p>d) Servizzi ta' mbuttjar u rmunkar (CPC 7113)</p> <p>e) Servizzi ta' sostenn għal servizzi ta' trasport bil-ferrovija (CPC 743)</p> <p>f) Servizzi ta' appoġġ u awżiljarji oħra (parti minn CPC 749)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mbuttjar u rmunkar</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u> Xejn</p>
<p>D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq</p> <p>a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija (cargo handling) (parti minn CPC 741)</p> <p>b) Servizzi ta' Ħażna u ta' Mhażen (parti minn CPC 742)</p> <p>c) Servizzi ta' aġenzija tat-Trasport tal-Merkanzija (parti minn CPC 748)</p> <p>d) Kiri ta' vetturi tat-triq kummerċjali permezz ta' operatur</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u> AT, BG, CY, CZ, EE, HU, LV, LT, MT, PL, RO, SK, SI, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għal Kiri ta' vetturi tat-triq kummerċjali permezz ta' operatur</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u> Xejn</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p>(CPC 7124)</p> <p>e) Servizzi ta' sostenn għal trasport bil-ferrovija</p> <p>(CPC 744)</p> <p>f) Servizzi ta' appoġġ u awżiljarji oħra</p> <p>(parti minn CPC 749)</p>	
<p><u>D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru</u></p>	
<p>a) Servizzi ta' ground-handling (inklużi s-servizz tal-catering)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>KE: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-catering</p>
<p>b) Servizzi ta' Ħażna u ta' Mhażen</p> <p>(parti minn CPC 742)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>L-ebda.</p>
<p>c) Servizzi ta' aġenzija tat-Transport tal-Merkanzija</p> <p>(parti minn CPC 748)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>Xejn</p>
<p>d) Kiri ta' bçejeċ ta' l-ajru bl-ekwipaġġ</p> <p>(CPC 734)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>KE: Ajruplani użati mill-operaturi tat-titjiriet tal-Komunità jridu jkunu reġistrati fl-Istat Membru li qiegħed jagħti l-liċenzja lill-operatur tat-titjiriet jew banda oħra fil-Komunità. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' kiri fil-qosor jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali.</p>
<p>e) Bejgħ u Marketing</p> <p>f) Sistema ta' Booking permezz tal-Kompjuter (Computer Reservations System – CRS)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>KE: Obbligi speċifiċi għal fornituri tas-servizzi li joperaw sistemi ta' riżervazzjoni bil-kompjuter li jkunu tal-linji ta' l-ajru jew ikkontrollati minnhom.</p>
<p>g) Ġestjoni ta' l-ajruport</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>KE: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>Xejn</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p><u>E. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhux fjuwil</u>¹¹⁴</p> <p>a) Ħżin u servizzi ta' magazzinaġġ ta' prodotti li mhux fjuwil ittrasportati bil-pajpijiet</p> <p>(parti minn CPC 742)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>Xejn</p>
13. SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA	
<p><u>A. Servizzi Sussidjarji tat-Tħaffir tal-Minjieri</u></p> <p>(CPC 883)¹¹⁵</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u></p> <p>Xejn</p>
<p><u>B. Trasport tal-fjuwil bil-pajpijiet</u></p> <p>(CPC 7131)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>KE: M'hemmx irbit.</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p>
<p><u>C. Ħżin u servizzi ta' magazzinaġġ ta' fjuwil ittrasportat bil-pajpijiet</u></p> <p>(parti minn CPC 742)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u></p> <p>Xejn</p>
<p><u>D. Bejgħ bl-ingrossa ta' fjuwil soldu, likwidu u fi stat ta' gass u prodotti relatati</u></p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u></p> <p>KE: U servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa elettriku, stim u misħun</p>

¹¹⁴ Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA f'13.C.

¹¹⁵ Jinkludu s-servizzi li ġejjin mogħtija fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt: Servizzi ta' forniment ta' pariri u ta' konsulenza dwar it-tħaffir, dwar it-tħejjija tas-siti fuq l-art, dwar l-installazzjoni ta' l-impjanti tat-tħaffir (rigs) fuq l-art, tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-"casing" u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet "downhole" speċjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, testjar tal-bjar, servizzi wireline, forniment u tħaddim tal-fluwidi tat-tlestija (salmuri), forniment u stallazzjoni tat-tagħmir tat-tlestija, cementing (ippumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' stimolazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' "workover" u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar

Ma jinkludux aċċess dirett għal jew esplotazzjoni ta' riżorsi naturali.

Ma jinkludux xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għal minjieri ta' riżorsi li mhux żejt jew gass (CPC 5115), li jinsab f'3. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(CPC 62271) <u>u servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, stim u misħun</u>	<u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
<u>E. Servizzi bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni</u> (CPC 613)	<u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet <u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
<u>F. bejgħ bl-imnut ta' żejt fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam</u> (CPC 63297) <u>u servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux fil-fliexken), stim u misħun</u>	<u>Għall-modalità 1:</u> KE: U servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux fil-fliexken), stim u misħun BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SK, UK: Għal bejgħ ta' bejgħ bl-imnut ta' żejt fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam, mingħajr restrizzjoni ħlief għal ordnijiet bil-posta fejn: Xejn. <u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
<u>G. Servizzi anċillari għad-distribuzzjoni ta' l-enerġija</u> (CPC 887)	<u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' konsulenza fejn: Xejn. <u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
14. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI BANDA OĦRA	
a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Żebgħa tal-ħwejjeġ (CPC 9701)	<u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet <u>Għall-modalità 2:</u> Xejn
b) Servizzi ta' hairdressing (CPC 97021)	<u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet <u>Għall-modalità 2:</u> L-ebda.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p>c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manicure u pedicure (CPC 97022)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u> Xejn</p>
<p>d) Servizzi oħra ta' trattament estetiku n.e.c (CPC 97029)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u> Xejn</p>
<p>e) Servizzi ta' spa u massaġġi terapewtiċi, sal-punt fejn jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' rijabilitazzjoni¹¹⁶ (CPC ver. 1.0 97230)</p>	<p><u>Għall-modalità 1:</u> KE: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p><u>Għall-modalità 2:</u> Xejn</p>
<p>g) Servizzi ta' konnessjonijiet tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7543)</p>	<p><u>Għall-Modalitajiet 1 u 2</u> Xejn</p>

¹¹⁶ Massaġġi terapewtiċi u servizzi ta' kura termali jinsabu taħt 1.A.h) Servizzi mediċi, 1.A.j) 2 Servizzi mogħtija mill-infermiera, fiżjoterapisti u staff paramediku u servizzi tas-saħħa (8.A u 8 C).

ANNEX IV c

RIŻERVI FUQ STAFF PRINĊIPALI U APPRENDISTI GRADWATI

(imsemmija fl-Artikolu 81)

PARTI TAL-KE

1. Il-lista ta' riżervi hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati mill-Parti tal-KE skond l-Artikolu 69 li għalihom japplikaw il-limiti dwar staff ewlieni u apprendisti gradwati skond l-Artikolu 81 u tispeċifika dawn il-limiti. Il-listi fihom l-elementi li ġejjin:

(a) L-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li għalihom japplikaw il-limiti.

(b) It-tieni kolonna tiddekrivi l-limiti applikabbli.

Meta l-kolonna msemmija f(b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fiha jkunu hađu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu mingħajr ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali tal-KE kollha li jistgħu japplikaw).

Il-KE u l-Istati Membri tagħha ma jeħdux impenji għal staff ewlieni u apprendisti gradwati fattivitajiet ekonomiċi li mhux liberalizzati (għadhom mingħajr restrizzjonijiet) skond l-Artikolu 69.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u s-subsetturi individwali:

(a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulat fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 4, *ISIC REV 3.1*, 2002.

(b) CPC tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, *CPC prov*, 1991.

(c) CPC ver. 1.0 tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, *CPC ver 1.0*, 1998.

3. Impenji ta' staff ewlieni u apprendisti gradwati ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom ikun li jinterferixxu ma' jew b'xi mod ieħor jaffettwaw ir-riżultat ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema u l-management.

4. Il-lista t'hawn isfel ma tinkludix miżuri dwar ir-rekwiżiti għall-kwalifiki u l-proċeduri, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti ta' liċenzji u proċeduri, u miżuri dwar l-impjeggi, ix-xogħol u l-kundizzjonijiet tas-sigurtà soċjali meta ma jinvolvu limitu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 67 tal-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa għal liċenzja, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa għal eżamijiet speċifiċi, inkluż eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li jkollhom domiċilju legali

fit-territorju fejn issir l-attività ekonomika, il-ħtieġa għal konformità mar-regolamenti u l-prassi nazzjonali dwar il-pagi minimi u ma' ftehimiet kollettivi dwar il-pagi fil-pajjiż ospitanti), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għal staff ewlieni u apprendisti gradwati ta' l-investituri tal-Parti l-oħra. Skond l-Artikolu 60(3) tal-Ftehim, il-lista ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.

5. Il-lista ta' hawn taħt hija mingħajr ħsara għall-eżistenza tal-monopolji pubbliċi u d-drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.
6. F'dawk is-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin se jkunu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni relevanti tas-suq fl-Istat Membru jew ir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward ta' l-għadd ta' fornituri eżistenti tas-servizz u l-impatt fuqhom.
7. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' riżervi, ma għandhomx ikollhom effett ta' eżekuzzjoni awtomatika (self-executing) u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt lill-persuni naturali individwali jew persuni ġuridiċi.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	<p align="center"><u>Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</u></p> <p>BG, HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi huwa meħtieġ għal apprendisti gradwati</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p align="center"><u>Ambitu tat-trasferimenti intra-korporattivi</u></p> <p>BG: L-għadd ta' persuni ttrasferiti fil-korporazzjoni ma għandux jaqbeż 1-10 fil-mija ta' l-għadd annwali medju ta' ċittadini tal-KE impjegati mill-persuna ġuridika Bulgara rispettiva: Fejn inqas minn 100 persuna tkun impjegata, l-għadd ta' trasferimenti intra-korporattivi jista' jaqbeż 1-10 fil-mija, soġġett għal awtorizzazzjoni.</p> <p>HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal persuni naturali li kienu sħab f'persuna ġuridika tal-Parti l-oħra.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p align="center"><u>Diretturi maniġerjali u awdituri</u></p> <p>AT: Diretturi maniġerjali ta' fergħat ta' persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; għall-osservanza ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Awstrija, persuni naturali responsabbli fi ħdan persuna ġuridika jew fergħa għandu jkollhom domiċilju fl-Awstrija.</p> <p>FI: Barrani involut fil-kummerċ bħala intraprenditur privat jeħtieġ permess kummerċjali u għandu jkun resident permanenti fil-KE. Għas-setturi kollha, minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, il-kundizzjoni tan-nazzjonalità u r-rekwiżit tar-residenza għad-direttur amministrattiv ta' kumpanija limitata. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, residenza permanenti għad-direttur amministrattiv.</p> <p>FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrijali, kummerċjali jew artiġjanali, jekk m'għandux permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika.</p> <p>RO: Il-maġġoranza ta' l-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u l-vicejiet tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni.</p> <p>SE: Id-direttur amministrattiv ta' persuni ġuridiċi jew fergħa għandu jkollu residenza fl-Iżvezja.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p align="center"><u>Għarfien</u></p> <p>KE: Id-Direttivi tal-KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi japplikaw biss għal ċittadini tal-KE. Id-dritt li tipprattika servizz irregolat ta' professjoni fi Stat Membru wieħed ¹¹⁷ ma jagħtix id-dritt ta' prattika fi Stat Membru ieħor.</p>

¹¹⁷ Sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkwistaw rikonoxximent mal-KE kollha tal-kwalifiki tagħhom, jeħtieġ li jiġi nneozjat Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku fi ħdan il-qafas definit fl-Artikolu 85 tal-Ftehim.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
4. MANIFATTURA ¹¹⁸	
<p><u>H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata</u></p> <p>(ISIC rev 3.1: 22), ħlief pubblikazzjoni u stampar b'bażi ta' miżata jew kuntratt¹¹⁹</p>	<p>IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-pubblikatur.</p> <p>PL: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-EDITOR kap tal-gazzetti u rivisti</p> <p>SE: Rekwiżiti ta' residenza għal publikatur u s-sid ta' kumpanija tal-pubblikazzjoni u ta' l-istampar</p>
6. SERVIZZI TAN- NEGOZJU	
<u>A. Is-servizzi professjonali</u>	
<p>a) Servizzi legali</p> <p>(CPC 861)¹²⁰</p> <p>(minbarra servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħan-nutara, <i>huissiers de justice</i> jew <i>officiers publics</i> u <i>ministériels</i> oħrajn)</p>	<p>AT, CY, ES, EL, LT, MT, RO, SK: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura rikjesta għall-prattika tal-liġi domestika (KE u ta' l-Istat Membru), hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità. Għal ES, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet</p> <p>BE, FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura rikjesta għal servizzi ta' rappreżentazzjoni legali, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti ta' residenza. Fil-BE, japplikaw kwoti biex wieħed jidher quddiem il-“Cour de cassation” f'każijiet mhux kriminali.</p> <p>BG: Avukati barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' rappreżentazzjoni legali biss ta' ċittadin ta' pajjiżhom u soġġett għar-riċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali, tinthieg residenza permanenti.</p> <p>FR: L-aċċess ta' l-avukati għall-professjoni ta' “avocat auprès de la Cour de Cassation” u “avocat auprès du Conseil d'Etat” huwa soġġett għal kwoti u kundizzjoni ta' nazzjonalità.</p> <p>HU: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti ta' residenza. Għal avukati barranin, l-ambitu ta' l-attivitajiet legali huwa limitat għall-għoti ta' pariri legali, li għandu jseħħ fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kollaborazzjoni konkluż ma' prokuratur Ungeriż jew kumpanija legali Ungeriża.</p> <p>LV: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal avukati liċenzjati li r-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali hi riżervata għalihom</p> <p>DK: Il-marketing ta' attivitajiet ta' konsulenza legali hija limitata għal avukati b'liċenzja Daniża għall-prattika. Hemm ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex iġġib liċenzja Daniża biex tipprattika.</p> <p>LU: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-għoti ta' servizzi legali fir-rigward</p>

¹¹⁸ Ma jinkludix is-servizzi ta' konsulenza marbuta mal-manifattura, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.h).

¹¹⁹ Pubblikazzjoni u stampar fuq bażi ta' miżata jew kuntratt jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU under 6.F.p).

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>tal-liġi tal-Lussemburgu u tal-KE</p> <p>SE: L-ammissjoni fl-avukatura, meħtieġa biss għall-użu tat-titlu Żvediż "advokat", hija soġġetta għal rekwiżit ta' residenza.</p>
<p>b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba</p> <p>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' verifika", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)</p>	<p>FR: Għoti ta' servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba tiddependi minn deċiżjoni tal-Ministru ta' l-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija, bi ftehim mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin. Il-ħtieġa tar-residenza ma tistax taqbeż il-5 snin.</p>
<p>b) 2. Servizzi ta' verifika</p> <p>(CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabilità)</p>	<p>AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għar-rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq ta' verifiki prevista fil-liġijiet Awstrijaċi (eż. liġi tal-kumpaniji azzjonarji, liġi tal-borża, liġi tal-banek, eċċ.)</p> <p>DK: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>ES: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal awdituri statutorji u għal amministraturi, diretturi u sħab ta' kumpaniji li mhux dawk koperti mit-Tmien Direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji.</p> <p>FI: Rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija ta' responsabbiltà Finlandiża</p> <p>EL: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għall-awdituri statutorji</p> <p>IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal amministraturi, diretturi u sħab ta' kumpaniji minbarra dawk koperti mit-Tmien Direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji. Ħtieġa tar-residenza għall-awdituri individwali.</p> <p>SE: Huma biss awdituri approvati fl-Iżvezja li jistgħu jwettqu servizzi legali ta' verifika f'ċerti entitajiet ġuridiċi, fosthom il-kumpaniji limitati</p>

120

Jinkludi servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentazzjoni legali, arbitrazzjoni u konċiljazzjoni/medjazzjoni legali, u ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali. L-għoti ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali, il-liġi tal-KE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew l-istaff tiegħu jkunu kwalifikati bħala avukati, u, l-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzja u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija, dawn jistgħu, fost oħrajn, ikollhom l-għamla ta' konformità ma' kodiċi lokali ta' etika, l-użu ta' titlu domestiku)sakemm ma tkunx ġiet miksuba rikonoxximent mit-titlu tal-pajjiż ospitanti) rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi ma' l-avukatura tal-pajjiż ospitanti jew ammissjoni ssimplifikata fl-avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test tal-ħiliet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż. Is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-KE għandhom fil-prinċipju jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat kif imiss aċċettat fl-avukatura fuk-KE huwa u jaġixxi personalment, u servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat kif imiss aċċettat fl-avukatura f'dak l-Istat Membru huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura ta' l-Istat Membru rilevanti ta' l-Unjoni Ewropea tista' għalhekk tkun meħtieġa għal rappreżentazzjoni quddiem il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra fil-KE billi tinvolvi Prattika tal-KE u l-liġi proċedurali nazzjonali. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-avukati barranin mhux ammessi kompletament fl-avukatura huma permessi jirrapreżentaw f'proċedimenti ċivili parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istati fejn l-avukat huwa intitolat jipprattika.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	kollha. Residenza meħtieġa għall-approvazzjoni.
<p>c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa</p> <p>(CPC 863)¹²¹</p>	<p>AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għar-rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti.</p> <p>BG, SI: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti</p> <p>HU: Hemm il-ħtieġa tar-residenza</p>
<p>d) Servizzi arkitettorali;</p> <p>u</p> <p>e) L-Ippjanar Urban u s-Servizzi Arkitettorali tat-Tisbiħ tal-Pajsaġġ</p> <p>(CPC 8671 u CPC 8674)</p>	<p>EE: Mill-anqas persuna waħda responsabbli (amministratur tal-proġett jew konsulent) trid tkun residenti l-Estonja</p> <p>BG: L-ispeċjalisti barranin għandu jkollhom esperjenza fil-qasam tal-konstruzzjoni ta' mill-inqas sentejn. Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ippjanar urban u s-servizzi arkitettorali tat-tisbiħ tal-pajsaġġ</p> <p>EL, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza.</p>
<p>f) Servizzi ta' inġinerija</p> <p>u</p> <p>g) Servizzi Integrati ta' Inġinerija</p> <p>(CPC 8672 u CPC 8673)</p>	<p>EE: Mill-anqas persuna waħda responsabbli (amministratur tal-proġett jew konsulent) trid tkun residenti l-Estonja</p> <p>BG: L-ispeċjalisti barranin għandu jkollhom esperjenza fil-qasam tal-konstruzzjoni ta' mill-inqas sentejn.</p> <p>EL, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza.</p>
<p>h) Servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali</p> <p>(CPC 9312 u parti minn CPC 85201)</p>	<p>CZ, IT, SK: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>CZ, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni naturali barranin.</p> <p>BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni naturali barranin.</p> <p>BG, CY, MT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p> <p>DE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità li tista' tiġi rrevokata fuq bażi eċċezzjonali f'każijiet ta' interess tas-saħħa pubblika.</p> <p>DK: Awtorizzazzjoni limitata biex titwettaq funzjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xahar u tirrikjedi r-residenza.</p> <p>FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Madankollu, l-aċċess huwa possibbli fi kwoti stabbiliti annwalment.</p> <p>LV: Il-prattika tal-professjoni medika mill-barranin teħtieġ il-permess minn awtorità tas-saħħa lokali, ibbażat fuq it-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għat-tobba u d-dentisti f'reġjun partikolari.</p>

¹²¹ Ma jinkludix is-servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet tat-taxxa li jinsabu taħt l.A.a). Servizzi legali

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>PL: Prattika tal-professjoni medika minn barranin tirrikjedi l-permess. Tobba mediċi barranin għandhom drittijiet elettoralni limitati fil-kmamar professjonali</p> <p>PT: Rekwiżit ta' residenza għal psikologi.</p>
<p>i) Servizzi veterinarji (CPC 932)</p>	<p>BG, CY, DE, EE, EL, FR, HU, MT, SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p> <p>CZ u SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza</p> <p>IT: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>PL: Ħtieġa taċ-ċittadinanza. Persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess biex jipprattikaw.</p>
<p>j) 1. Servizzi ta' qwiebel (parti minn CPC 93191)</p>	<p>AT: Sabiex tistabbilixxi prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna kkonċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni kkonċernata għal mill-anqas tliet snin qabel it-twaqqif tal-prattika professjonali</p> <p>BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni naturali barranin.</p> <p>CZ, CY, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni naturali barranin.</p> <p>FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Madankollu, l-aċċess huwa possibbli fi kwoti stabbiliti annwalment.</p> <p>HU: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p> <p>IT: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>LV: Skond il-ħtiġijiet ekonomiċi ddeterminati min-numru totali ta' qwiebel fir-reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet tas-saħħa lokali.</p> <p>PL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità Persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess biex jipprattikaw.</p>
<p>j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku (parti minn CPC 93191)</p>	<p>AT: Il-fornituri barranin tas-servizzi huma permessi biss f'dawn l-attivitajiet: infermiera, fiżjoterapisti, occupational therapists, logoterapisti, esperti tad-dieta u n-nutrizzjoni Sabiex tistabbilixxi prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna kkonċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni kkonċernata għal mill-anqas tliet snin qabel it-twaqqif tal-prattika professjonali</p> <p>BE, FR, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni naturali barranin.</p> <p>CY, CZ, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni naturali barranin.</p> <p>HU: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza.</p> <p>DK: Awtorizzazzjoni limitata biex titwettaq funzjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xahar u tinħtieġ ir-residenza.</p> <p>CY, CZ, EL, IT: Suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi: id-deċiżjoni hi</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	suġġetta għal pożizzjonijiet vakanti u nuqqasijiet reġjonali. LV: Il-ħtiġijiet ekonomiċi huma ddeterminati min-numru totali ta' infermiera fir-reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet tas-saħħa lokali.
k) Bejgħ bl-immnut ta' farmaċewtiċi u bejgħ bl-immnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra mogħtija mill-ispiżjara ¹²²	FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Madankollu, fi kwoti stabbiliti, l-aċċess għal ċittadini ta' pajjiż terz hu possibbli sakemm il-fornitur tas-servizz ikollu grad universitarju Franċiż fil-farmaċija. DE, EL, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità HU: Kundizzjoni ta' nazzjonalità ħlief għal bejgħ bl-immnut ta' farmaċewtiċi u bejgħ bl-immnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) IT, PT: Rekwiżit tar-residenza.
<u>D. Servizzi ta' beni immobbli</u> ¹²³	
a) Li jinvolvu proprjetà privata jew mikrija (CPC 821)	FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza. LV, MT, SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
b) Fuq bażi ta' Tariffa jew Kuntratt (CPC 822)	DK: B'zonn ta' residenza sakemm mhux imneħħi mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u tal-Kumpaniji. FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza. LV, MT, SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
<u>E. Servizzi ta' Kiri mingħajr Operaturi</u>	
e) Marbuta ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal apprendisti gradwati AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti
f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7541)	KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati.
<u>F. Servizzi oħra tan-negożju</u>	
e) Servizzi ta' ttestjar tekniku u	IT, PT: Rekwiżit tar-residenza għal bijologi u analisti kimiċi.

¹²² Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-ġhoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. B'regola ġenerali, din l-attività hija riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta hija riżervata għall-ispiżjara.

¹²³ Is-servizz involut jirrelata mal-professjoni ta' aġenti tal-proprjetà u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u persuni ġuridiċi li jixtru proprjetà.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
ta' Analiżi (CPC 8676)	
Servizzi ta' Konsulenza Relatati ma' l-Agricoltura, il-Kaċċa u l-Forestrija (parti minn CPC 881)	IT: Rekwiżiti ta' residenza għall-agronomisti u l-"periti agrarji".
j) 2. Servizzi tas-Sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	BE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza għal staff fil-meniġment. BG, CY, CZ, EE, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza DK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza għall-meniġers u s-servizzi tal-gwardjani ta' l-ajruporti. ES, PT: Rekwiżit ta' nazzjonalità għal persunal speċjalizzat. FR: Rekwiżit taċ-ċittadinanza għad-diretturi maniġerjali u d-diretturi. IT: Rekwiżit ta' nazzjonalità u residenza sabieħ tinkiseb awtorizzazzjoni meħtieġa għas-servizzi ta' gwardjani tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti prezzjużi.
k) Servizzi ta' Konsulenza Xjentifika u Teknika (CPC 8675)	BG: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti DE: Kundizzjonijiet taċ-ċittadinanza għal surveyors li ġejjin mis-settur pubbliku. FR: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal operazzjonijiet ta' "surveying" marbuta mat-twaqqif ta' drittijiet tal-proprjetà u mal-liġi ta' l-art IT, PT: Rekwiżit tar-residenza.
l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	MT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
l) 2. Manutenzjoni u Tiswija ta' Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868)	LV: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
l) 3. Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-magna, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport tat-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati għal manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-magna, muturi u snowmobiles

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p>l) 5. Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux ta' l-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux ta' l-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar¹²⁴</p> <p>(CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)</p>	<p>KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati.</p>
<p>m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini</p> <p>(CPC 874)</p>	<p>CY, EE, MT, PL, RO, SI: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti</p>
<p>n) Servizzi fotografiċi</p> <p>(CPC 875)</p>	<p>LV: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal servizzi ta' fotografija speċjalizzata</p> <p>PL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi fotografiċi mill-ajru</p>
<p>p) Stampar u Ippubblikar</p> <p>(CPC 88442)</p>	<p>SE: Rekwiżiti ta' residenza għal pubblikatur u s-sid ta' kumpanija tal-pubblikazzjoni jew ta' l-istampar</p>
<p>r) 1. Attivitajiet ta' traduzzjoni u interpretazzjoni</p> <p>(CPC 87905)</p>	<p>FI: Rekwiżit ta' residenza għal tradutturi ċertifikati</p> <p>DK: Rekwiżit ta' residenza għal tradutturi u interpreti pubbliċi awtorizzati sakemm mhux revokat mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u l-Kumpaniji.</p>
<p>q) Servizzi ta' Konvenzjonijiet</p> <p>(parti minn CPC 87909)</p>	<p>SI: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p>
<p>r) 3. Servizzi ta' aġenzija tal-Ġbir</p> <p>(CPC 87902)</p>	<p>BE, EL, IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p>
<p>r) 4. Servizzi ta' rappurtar tal-kreditu</p>	<p>BE, EL, IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p>

¹²⁴

Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinsabu fi 6.F. l) 1 sa 6.F.l) 4. Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir ta' l-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinsabu taħt 6.B. Servizzi tal-Kompjuter.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(CPC 87901)	
r) 5. Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904) ¹²⁵	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati. LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-ispeċjalisti u kundizzjoni ta' nazzjonalità għal apprendisti gradwati
8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠENERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 and CPC 518)	BG: L-ispeċjalisti barranin għandu jkollhom esperjenza fil-qasam tal-konstruzzjoni ta' mill-inqas sentejn. MT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
9. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (minbarra d-distribuzzjoni ta' armi, munizzjoni u materjal tal-gwerra)	
<u>C. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut</u> 126	
c) Servizzi ta' bejgħ ta' l-ikel bl-imnut (CPC 631)	FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal bejjiegħa tat-tabakk (i.e. buraliste).
10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi li jieħdu fondi privati biss)	
<u>A. Servizzi ta' Edukazzjoni Primarja</u> (CPC 921)	FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Madanakollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jakkwistaw awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu u jidderieġu istituzzjoni edukattiva u sabiex jgħallmu. IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal fornituri ta' servizzi li huma awtorizzati joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat. EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal għalliema.
<u>B. Servizzi ta' Edukazzjoni Sekondarja</u> (CPC 922)	FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Madanakollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jakkwistaw awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu u jidderieġu istituzzjoni edukattiva u sabiex jgħallmu. IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal fornituri ta' servizzi li huma

¹²⁵ Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu f'6.F p).

¹²⁶ Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, li jinsabu f'SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.B. u 6.F.I).

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>awtorizzati joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.</p> <p>EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal għalliema.</p> <p>LV: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal servizzi tekniċi u vokazzjonali tat-tip ta' l-iskola sekondarja għal studenti b'diżabilità (CPC 9224)</p>
<p><u>C. Servizzi ta' Edukazzjoni Għolja</u></p> <p>(CPC 923)</p>	<p>FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Madanakollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jakkwistaw awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu u jidderieġu istituzzjoni edukattiva u sabiex jgħallmu.</p> <p>CZ, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal servizzi ta' edukazzjoni għolja, ħlief għal servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali post-sekondarja (CPC 92310).</p> <p>IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal fornituri ta' servizzi li huma awtorizzati joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.</p> <p>DK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal professuri.</p>
<p>12. SERVIZI FINANZJARJI</p>	
<p><u>A. Is-servizzi ta' l-assikurazzjoni jew relatati ma' l-assikurazzjoni</u></p>	<p>AT: L-amministrazzjoni ta' fergħa trid tikkonsisti minn żewġ persuni naturali residenti fl-Awstrija.</p> <p>EE: Għal assikurazzjoni diretta, il-korp maniġerjali ta' kumpanija azzjonarja ta' l-assikurazzjoni b'parteċipazzjoni barranija fil-kapital jistgħa jkollu fih ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-KE biss fil-proporzjon tal-parteċipazzjoni barranija, imma mhux aktar minn nofs il-membri tal-korp maniġerjali; Id-direttur maniġerjali ta' kumpanija sussidjarja jew ta' kumpanija indipendenti jrid ikun residenti b'mod permanenti fl-Estonja.</p> <p>ES: Rekwiżit ta' residenza u tliet snin ta' esperjenza għall-professjoni attwarjali</p> <p>IT: Rekwiżit tar-residenza għall-professjoni attwarjali.</p> <p>FI: Id-diretturi maniġerjali u għallinqas awditur wieħed ta' kumpanija ta' l-assikurazzjoni għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fil-KE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. L-aġent ġenerali tal-kumpanija barranija ta' assikurazzjoni għandu jkollu l-post tiegħu ta' residenza fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju ewlieni tagħha fil-KE.</p>
<p><u>B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (esklużi l-assikurazzjoni)</u></p>	<p>BG: Residenza permanenti fil-Bulgarija rikjesta għal diretturi eżekuttivi u l-aġent maniġerjali.</p> <p>FI: Id-diretturi maniġerjali u għallinqas awditur wieħed ta' istituzzjonijiet tal-kreditu għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fil-KE, sakemm l-Awtorità għas-Supervizzjoni Finanzjarja ma tkunx tat eżenzjoni. Is-sensar kummerċjali (persuna individwali) ta' l-iskambju ta' strumenti derivativi għandu jkollu l-post ta' residenza tiegħu fil-KE.</p> <p>IT: Il-kundizzjoni tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru tal-KE għall-‘promotori di servizi finanziari’ (bejjiegħa finanzjarji).</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>LT: Mill-inqas maniġer wieħed irid ikun ċittadin tal-KE.</p> <p>PL: Rekwiżit ta' nazzjonalità għal mill-anqas persuna waħda ta' l-eżekuttiv tal-bank.</p>
<p>13. SERVIZZI TAS-SAĦĦA U SERVIZZI SOĊJALI</p> <p>servizzi li jieħdu fondi privati biss)</p> <p><u>A. Servizzi ta' Sptar</u> (CPC 9311)</p> <p><u>B. Servizzi ta' ambulanza</u> (CPC 93192)</p> <p><u>C. Faċilitajiet residenzjali tas-saħħa minbarra s-servizzi ta' l-isptarijiet</u> (CPC 93193)</p> <p><u>E. Servizzi Soċjali</u> (CPC 933)</p>	<p>FR: L-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-aċċess għall-funzjonijiet ta' ġestjoni tqis id-disponibilità tal-meniġers lokali.</p> <p>LV: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u staff paramediku.</p> <p>PL: Prattika tal-professjoni medika minn barranin tirrikjedi l-permess. Tobba mediċi barranin għandhom drittijiet elettorali limitati fil-kmamar professjonali</p>
<p>14. SERVIZZI RELATATI MAT-TURIŻMU U L-IVJAĠĠAR</p>	
<p><u>A. Lukandi, Restoranti u Catering</u> (CPC 641, CPC 642 u CPC 643)</p> <p>(minbarra catering fis-servizzi tat-trasport ta' l-ajru¹²⁷)</p>	<p>BG: In-numru ta' maniġers barranin m'għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers ċittadini Bulgari fejn is-sehem pubbliku (ta' l-Istat u/jew il-muniċipju) fil-kapital azzjonarju ta' kumpanija Bulgara jkun ta' aktar minn 50 fil-mija.</p>
<p><u>B. Servizzi ta' l-Aġenziji ta' l-Ivjaġġar u ta' l-Operaturi tal-Vjaġġi Turistiċi</u> (inklużi maniġers tal-vjaġġi turistiċi) (CPC 7471)</p>	<p>BG: In-numru ta' maniġers barranin m'għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers ċittadini Bulgari fejn is-sehem pubbliku (ta' l-Istat u/jew il-muniċipju) fil-kapital azzjonarju ta' kumpanija Bulgara jkun ta' aktar minn 50 fil-mija.</p>
<p><u>C. Servizzi ta' gwidi tat-turisti</u> (CPC 7472)</p>	<p>BG, CY, ES, FR, EL, HU, IT, LT, MT, PL, PT, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p>

¹²⁷

Il-catering fis-servizzi tat-trasport bl-ajru jinsabu f'SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAS-SERVIZZI TAT-TRASPORT f'17.D.a) Servizzi ta' groundhandling.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
15. SERVIZZI RIKREAZZJONALI, KULTURALI U TA' L-ISPORT. (minbarra servizzi awdjoviżivi)	
A. Servizzi tad-Divertiment (inkluż servizzi ta' Teatru, Baned Lajv, Ċirku u Diskoteki) (CPC 9619)	FR: L-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-aċċess tal-funzjonijiet ta' ġestjoni hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità meta l-awtorizzazzjoni għal iktar minn sentejn tkun meħtieġa.
16. SERVIZZI TAT-TRASPORT	
A. Trasport marittimu	
a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 <u>eskluż il-kabotaġġ nazzjonali</u>) b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 <u>eskluż il-kabotaġġ nazzjonali</u>) ¹²⁸	KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ekwipaġġ tal-bastimenti AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali
D. Trasport tat-Triq	
a) Trasport tal-Passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122)	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati jirrappreżentaw persuna ġuridika jew sħubija DK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza għall-meniġers. BG, MT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123, minbarra t-trasport tal-posta għal rashom ¹²⁹).	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati jirrappreżentaw persuna ġuridika jew sħubija BG, MT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
E. Trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhux fjuwil ¹³⁰ (CPC 7139)	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għad-diretturi maniġerjali

¹²⁸ Jinkludu servizzi ta' feeding u moviment tat-tagħmir minn fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali bejn portijiet li jinsabu fl-istess Stat fejn m'hemmx dħul finanzjarju involut.

¹²⁹ Parti minn CPC 71235, li għandu jinsab taħt SERVIZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI f'7.A. Servizzi Postali u ta' Kurjer.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
17. SERVIZZI AWŻILJARJI TAT-TRASPORT ¹³¹	
<p>A. <u>Servizzi awżiljarji tat-Transport Marittimu</u></p> <p>a) Servizzi ta' cargo handling marittima</p> <p>b) Servizzi ta' ħżin u magazzinaġġ (parti minn CPC 742)</p> <p>c) Servizzi ta' Żdoganar</p> <p>d) Stazzjon tal-Containers u servizzi ta' depot</p> <p>e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima</p> <p>f) Servizzi Marittimi tad-Dispaċċ tal-Merkanzija (Freight Forwarding)</p> <p>g) Kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ (CPC 7213)</p> <p>h) Servizzi ta' mbuttar u rmunkar (CPC 7214)</p> <p>i) Servizzi ta' sostenn għal trasport marittimu (parti minn CPC 745)</p> <p>j) Servizzi ta' appoġġ u servizzi awżiljarji oħra (parti minn CPC 749)</p>	<p>KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal ekwipaġġi għal servizzi ta' mbuttar, irmunkar u għal servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu.</p> <p>AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali</p> <p>BG, MT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità</p> <p>DK: Rekwiżiti ta' residenza għas-servizzi tal-Żdoganar</p> <p>EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għas-servizzi ta' Żdoganar</p> <p>IT: Rekwiżit ta' residenza għal "raccomandatarario marittimo"</p>
<p>B. <u>Servizzi awżiljarji għat-trasport fuq il-moġhdijiet interni ta' l-ilma</u></p> <p>e) Servizzi ta' mbuttar u</p>	<p>KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ekwipaġġi</p>

¹³⁰

¹³¹

It-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA f'18.B.

Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinsabu f'SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.I) 1 sa 6.F.I) 4.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
rmunkar (CPC 7224) f) Servizzi ta' sostenn lit-trasport fil-mogħdijiet ta' l-ilma interni (parti minn CPC 745)	
<u>D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq</u> d) Kiri ta' vetturi kummerċjali tat-triq bl-operatur (CPC 7124)	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati jirrappreżentaw persuna ġuridika jew sħubija BG, MT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità
E. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhux fjuwil¹³² a) Ħżin u servizzi ta' magazzinaġġ ta' prodotti li mhux fjuwil ittrasportati bil-pajpijiet (parti minn CPC 742)	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għad-diretturi maniġerjali
18. SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA	
<u>A. Servizzi Sussidjarji tat-Tħaffir tal-Minjieri</u> (CPC 883) ¹³³	SK: Rekwiżit tar-residenza.
19. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI BANDA OĦRA	
a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u	KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati.

¹³² Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVIZZI TA' L-ENERĠIJA f'18.C.

¹³³ Jinkludu s-servizzi li ġejjin mogħtija fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt: Servizzi ta' forniment ta' pariri u ta' konsulenza dwar it-tħaffir, dwar it-tħejjija tas-siti fuq l-art, dwar l-installazzjoni ta' l-impjanti tat-tħaffir (rigs) fuq l-art, tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-"casing" u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet "downhole" speċjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, testjar tal-bjar, servizzi wireline, forniment u tħaddim tal-fluwidi tat-tlestija (salmuri), forniment u stallazzjoni tat-tagħmir tat-tlestija, cementing (ippumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' stimolazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' "workover" u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar
 Ma jinkludux aċċess dirett għal jew esplotazzjoni ta' riżorsi naturali.
 Ma jinkludux xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għal minjieri ta' riżorsi li mhux żejt jew gass (CPC 5115), li jinsab f'8. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Żebgħa tal-ħwejjeġ (CPC 9701)	
b) Servizzi ta' hairdressing (CPC 97021)	BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati. AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal apprendisti gradwati
c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manicure u pedicure (CPC 97022)	BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati. AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal apprendisti gradwati
d) Servizzi oħra ta' trattamenti estetiċi n.e.c (CPC 97029)	BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati. AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal apprendisti gradwati
e) Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' rijabilitazzjoni¹³⁴ (CPC ver. 1.0 97230)	KE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalisti u apprendisti gradwati.

¹³⁴

Massaġġi terapewtiċi u servizzi ta' kura termali jinsabu taħt 6.A.h) Servizzi mediċi, 6.A.j) 2 Servizzi mogħtija mill-infermiera, fiżjoterapisti u staff paramediku u servizzi tas-saħħa (13.A u 13 C).

ANNEX IV d

RIŻERVI FUQ FORNITURI KUNTRATTWALI TAS-SERVIZZI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

(imsemmija fl-artikolu 83)

PARTI TAL-KE

1. Il-lista ta' riżervi ta' hawn taħt tindika s-setturi tas-servizzi liberalizzati mill-Parti tal-KE skond l-Artikolu 83(2) u 83(3) u l-limiti diskriminatorji speċifiċi li japplikaw għalihom. Il-listi fihom l-elementi li ġejjin:
 - (a) L-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li għalihom japplikaw il-limiti.
 - (b) It-tieni kolonna tiddekrivi l-limiti applikabbli.

Meta ebda limitu speċifiku, għajr dawk speċifikati fit-Titolu II tal-Ftehim, ma japplika kemm għall-fornituri kuntrattwali tas-servizzi (CSS) u għall-professjonisti indipendenti (IP), "Xejn" tkun imniżżla ħdejn l-Istat(i) Membru/i rilevanti.
2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u s-subsettur individwali, CPC tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, *CPC prov*, 1991.
3. Il-lista t'hawn isfel ma tinkludix miżuri dwar ir-rekwiżiti għall-kwalifiki u l-proċeduri, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti ta' liċenzji u proċeduri, u miżuri dwar l-impjiegi, ix-xogħol u l-kundizzjonijiet tas-sigurtà soċjali meta ma jinvolvux limitu diskriminatorju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 83(2) u (3) tal-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa għal liċenzja, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa għal eżamijiet speċifiċi, inkluż eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li jkollhom domiċilju legali fit-territorju fejn issir l-attività, il-ħtieġa għal konformità mar-regolamenti u l-prassi nazzjonali dwar il-pagi minimi u ma' ftehimiet kollettivi dwar il-pagi fil-pajjiż ospitanti), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għal fornituri kuntrattwali tas-servizzi u professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra.
4. Skond l-Artikolu 60(3) tal-Ftehim, il-lista ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.
5. Il-lista ta' hawn taħt hija mingħajr ħsara għall-eżistenza tal-monopolji u d-drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabiliment.
6. F'dawk is-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin se jkunu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni rilevanti tas-suq fl-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea jew ir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward ta' l-għadd ta' fornituri eżistenti tas-servizz u l-impatt fuqhom.
7. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' riżervi, ma għandhomx ikollhom effett ta' eżekuzzjoni awtomatika (self-executing) u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt lill-persuni naturali individwali jew persuni ġuridiċi.

8. Impenji fuq fornituri kuntrattwali tas-servizzi u professjonisti indipendenti ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom jinterferixxi ma' jew b'xi mod ieħr jaffettwa r-riżultat ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema u l-management.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IS-SETTURI KOLLHA ¹³⁵	<p style="text-align: center;"><u>Perjodi tranżizzjonali</u></p> <p>CY, CZ, EE, HU, LV, LT, MT, PL, SK u SI: l-impnġi għandhom jidħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.</p> <p>BG u RO: L-impnġi għandhom jidħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.</p> <p>AT, BE, DE, DK, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK: Xejn.</p> <p style="text-align: center;"><u>Rikonoxximent</u></p> <p>KE: Id-Direttivi tal-KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi japplikaw biss għal ċittadini ta' l-Istati Membri. Id-dritt li persuna tipprattika servizz professjonali regolat fi Stat Membru ma jġorrx miegħu dritt awtomatiku li din tkun tista' tagħmel l-istess fi Stat Membru ieħor.¹³⁶</p>
<p>Servizzi Konsultattivi Legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija (jiġifieri, liġi mhux ta' l-UE)</p> <p>(parti minn CPC 861)¹³⁷</p>	<p>AT, CY, DE, EE, IE, LU, NL, PT, SE, UK: Xejn.</p> <p>ES, IT, EL, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti.</p> <p>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS.</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħliet għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>BG, CZ, DK, FI, HU, LT, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>DK: Attivitajiet ta' marketing tal-parir legali huma limitati għal avukati b'liċenzja Daniża għall-prattika. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex iġġib liċenzja Daniża.</p> <p>FR: Meħtieġa ammissjoni sħiħa (simplifikata) fl-avukatura permezz ta' test tal-ħiliet.</p>
<p>Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba</p> <p>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' verifika", CPC 86213, CPC 86219 u</p>	<p>CY, DE, EE, ES, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Xejn.</p> <p>AT: Min jimpjega għandu jkun membru tal-korp ta' professjonisti rilevanti fil-pajjiż ta' l-oriġini, fejn jeżisti korp bħal dan.</p>

¹³⁵ Nota għat-trasparenza għal BE: Fejn applikabbli, l-ammont ta' paga annwali msemmi bħalissa huwa 33,677 EUR (Marzu 2007)

¹³⁶ Sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkwistaw rikonoxximent mal-KE kollha tal-kwalifiki tagħhom, jeħtieġ li jiġi nnegożjat Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku fi hndan il-qafas definit fl-Artikolu 85 tal-Ftehim.

¹³⁷ L-għoti ta' dawn is-servizzi, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità ma' kodiċi lokali ta' etika, l-użu ta' titlu domestiku)sakemm ma tkunx ġiet miksuba rikonoxximent mat-titlu ospitanti) rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi ma' fl-avukatura tal-pajjiż ospitanti jew ammissjoni ssimplifikata fl-avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test tal-ħiliet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
CPC 86220)	<p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>FR: Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.</p> <p>BG, CZ, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p>
<p>Servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa (CPC 863)¹³⁸</p>	<p>CY, DE, EE, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE, UK: Xejn.</p> <p>AT: Min iħaddem irid ikun membru tal-korp professjonista rilevanti fil-pajjiż ta' l-oriġini fejn jeżisti tali korp; kundizzjoni ta' nazzjonalità għar-rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti.</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>BG, CZ, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>PT: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>HU: Rekwiżit ta' residenza</p>
<p>Servizzi arkitettorali u L-Ippjanar Urban u s-Servizzi Arkitettorali tat-Tisbiħ tal-Pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)</p>	<p>CY, EE, EL, FR, IE, LU, MT, NL, PT, SI, SE, UK: Xejn.</p> <p>ES, IT, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti.</p> <p>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS.</p> <p>FI: Il-persuna naturali għandha turi li hu/hi għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizzi mogħti.</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur</p> <p>BG, CZ, DE, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>HU: B'żonn ta' residenza</p>
<p>Servizzi ta' inġinerija u Servizzi Integrati ta' Inġinerija</p>	<p>CY, EE, EL, FR, IE, LU, MT, NL, PT, SI, SE, UK: Xejn.</p> <p>ES, IT, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti.</p> <p>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS.</p>

¹³⁸

Ma jinkludux servizzi ta' konsulenza u rappreżentazzjoni legali dwar kwistjonijiet tat-taxxa, li jinsabu taħt Servizzi ta' Konsulenza Legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(CPC 8672 u CPC 8673)	<p>FI: Il-persuna naturali għandha turi li hu/hi għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizzi mogħti.</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur</p> <p>BG, CZ, DE, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>HU: Rekwiżit tar-residenza.</p>
<p>Servizzi mediċi (inklużi l-psikologi) u dentali</p> <p>(CPC 9312 u parti minn CPC 85201)</p>	<p>SE: Xejn.</p> <p>BE, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>AT: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-psikologi u servizzi dentali fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>BG, EL, FI, FR, HU, LT, LV, SK: M'hemmx irbit.</p>
<p>Servizzi veterinarji</p> <p>(CPC 932)</p>	<p>BE, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>AT, BG, FR, HU, LV, SK: M'hemmx irbit.</p>
<p>Servizzi ta' qwiebel</p> <p>(parti minn CPC 93191)</p>	<p>SE: Xejn.</p> <p>AT, BE, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, IE, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>BG, FI, FR, HU, SK: M'hemmx irbit.</p>
<p>Servizzi provduti mill-Infermiera, fiżjoterapisti u staff paramediku</p> <p>(parti minn CPC 93191)</p>	<p>AT, BE, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, IE, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>BG, FI, FR, HU, SK: M'hemmx irbit.</p>
<p>Servizzi tal-kompjuters u oħrajn relatati</p> <p>(CPC 84)</p>	<p>CY, DE, EE, EL, FR, IE, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn.</p> <p>ES, IT, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti.</p> <p>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS.</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur</p> <p>AT, BG, CZ, FI, HU, LT, RO, SK, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp (CPC 851, 852 minbarra servizzi ta' psikologi ¹³⁹ , 853)	KE: Hu meħtieġ ftehim ta' hosting ma' organizzazzjoni approvata tar-riċerka ¹⁴⁰ . CZ, DK, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Reklamar (CPC 871)	CY, DE, EE, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Xejn. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Riċerka tas-Suq u Stħarriġ ta' l-Opinjoni Pubblika (CPC 864)	CY, DE, EE, FR, IE, LU, NL, SE, UK: Xejn. ES, IT, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DK, EL, FI, LT, LV, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. LT, PT: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika (CPC 86402). HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal servizzi ta' stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet
Servizzi ta' Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 865)	CY, DE, EE, EL, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. ES, IT, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur AT, BG, CZ, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi relatati mal-konsulenza fil-maniġment (CPC 866)	CY, DE, EE, EL, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. ES, IT, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.

¹³⁹

Parti minn CPC 85201, li għandu jinsab taħt Servizzi mediċi u dentali.

¹⁴⁰

Għall-Istati Membri kollha minbarra UK u DK, l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tar-riċerka u l-ftehim ta' hosting għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skond id-Direttiva tal-KE 2005/71/KE.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	<p>DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur</p> <p>AT, BG, CZ, FI, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal servizzi ta' arbitrazzjoni u konċiljazzjoni (CPC 86602), fejn: M'hemmx irbit.</p>
<p>Servizzi ta' ttestjar tekniku u ta' Analiżi</p> <p>(CPC 8676)</p>	<p>CY, DE, EE, EL, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE, UK: L-ebda.</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur</p> <p>AT, BG, CZ, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p>
<p>Servizzi Xjentifiċi u Tekniċi Relatati</p> <p>(CPC 8675)</p>	<p>CY, EE, EL, ES, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE, UK: L-ebda.</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p> <p>DE: Mingħajr restrizzjonijiet għal surveyors maħtura pubblikament.</p> <p>FR: Mingħajr restrizzjonijiet għal operazzjonijiet ta' "surveying" marbuta mat-twaqqif ta' drittijiet tal-proprjetà u mal-liġi ta' l-art.</p>
<p>Servizzi ta' Chef de cuisine</p> <p>(parti minn CPC 87909)</p>	<p>KE: Tista' tiġi mitluba kwalifika teknika avvanzata¹⁴¹ u għallinqas 6 snin ta' esperjenza ta' xogħol li tista' tiġi ppruvata fil-livell ta' chef de cuisine. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p>
<p>Servizzi ta' Mudelli tal-Moda</p> <p>(parti minn CPC 87909)</p>	<p>KE: Tista' tiġi mitluba kwalifika teknika¹⁴². Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p>
<p>Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti</p> <p>(parti minn CPC 8868)</p>	<p>CY, EE, EL, ES, FR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SK, SI, SE: Xejn</p> <p>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti.</p> <p>AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.</p>

¹⁴¹ Fejn il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-KE u l-Istati Membri tagħha, l-Istat Membru kkonċernat jista' jevalwa jekk tkunx ekwivalenti għall-kwalifika rikjesta fit-territorju tiegħu.

¹⁴² Fejn il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-KE u l-Istati Membri tagħha, l-Istat Membru kkonċernat jista' jevalwa jekk tkunx ekwivalenti għall-kwalifika rikjesta fit-territorju tiegħu.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Manutenzjoni u Tiswija ta' Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868)	CY, EE, EL, ES, FR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-magna, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport tat-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	CY, EE, EL, ES, FR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SI, SE: L-ebda. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-magna, muturi, snowmobiles (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867).
Manutenzjoni u tiswija ta' inġenji ta' l-ajru u partijiet minnhom (parti minn CPC 8868)	CY, EE, EL, ES, FR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux ta' l-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux ta' l-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar¹⁴³ (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	CY, EE, EL, ES, FR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Attivitajiet ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905, minbarra attivitajiet uffiċjali jew ċertifikati)	CY, DE, EE, FR, LU, MT, NL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. ES, IT, EL, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal professjonisti indipendenti. LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Xogħol ta' investigazzjoni fuq il-post (CPC 5111)	CY, DE, EE, EL, ES, FR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur
Servizzi ta' Edukazzjoni Għolja (servizzi li jieħdu fondi privati biss)	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, HU, IE, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: M'hemmx irbit. FR, LU: Biss għal professuri ta' l-università.

¹⁴³ Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir ta' l-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinsabu taħt Servizzi tal-Kompjuter.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(CPC 923)	FR: Il-professuri għandhom ikunu kisbu kuntratt ta' impjeg minn università jew istituzzjoni edukattiva ogħla oħra. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, sakemm dawk il-professuri ma jkunux maħtura direttament mill-Ministru inkarigat mill-Edukazzjoni Għolja. Il-permess tax-xogħol jinħareġ għal perjodu ta' mhux iktar minn disa' xhur li jista' jiġġedded għat-tul tal-kuntratt. L-istituzzjoni li timpjega għandha tħallas taxxa lill-Uffiċċju tal-Migrazzjoni Internazzjonali.
Is-servizzi ambjentali (CPC 9401 ¹⁴⁴ , CPC 9402, CPC 9403, CPC 9404 ¹⁴⁵ , parti minn CPC 9406 ¹⁴⁶ , CPC 9405, parti minn CPC 9406, CPC 9409)	CY, EE, ES, FR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: L-ebda. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. AT, BG, CZ, DE, DK, EL, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' l-Aġenziji ta' l-Ivjaġġar u ta' l-Operaturi tal-Vjaġġi Turistiċi (inklużi maniġers tal-vjaġġi turistiċi) ¹⁴⁷ (CPC 7471)	AT, CY, CZ, DE, EE, ES, FR, IT, LU, NL, PL, SI, SE, UK: L-ebda. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal CSS meta l-paga annwali tkun ogħla mill-ammont definit mil-liġi u r-regolamenti rilevanti. DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal CSS sa massimu ta' tliet xhur IE: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-meniġers tal-vjaġġi turistiċi. BG, EL, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' gwidi tat-turisti (CPC 7472)	SE: L-ebda. AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, FI, EL, HU, IE, IT, LV, LU, MT, NL, RO, SK, SI, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. ES, FR, LT, PL, PT: Mingħajr restrizzjonijiet
Servizzi tad-Divertiment minbarra servizzi awdjoviżivi (inkluż servizzi ta' Teatru, Baned Lajv, Ċirku u Diskoteki) (CPC 9619)	BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SE, UK: Tista' tiġi mitluba kwalifika teknika ¹⁴⁸ . Test għall-ħtiġijiet ekonomiċi. AT: Tista' tiġi mitluba kwalifika teknika ¹⁴⁹ . Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. SI: It-tul taż-żjara huwa limitat għal sebat (7) ijiem għal kull avveniment. Għal servizzi taċ-ċirku u parkijiet tad-divertiment, it-tul taż-żjara huwa limitat għal massimu ta' 30 jum kull sena kalendarja. BE: Mingħajr restrizzjonijiet

¹⁴⁴ Jikkorrispondi għal servizzi ta' drenaġġ.

¹⁴⁵ Jikkorrispondi għal Servizzi ta' Tindif ta' Gassijiet ta' l-Egżost

¹⁴⁶ Jikkorrispondi għal partijiet mis-Servizzi tal-Protezzjoni tan-Natura u l-Pajsaġġi.

¹⁴⁷ Fornituri tas-servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp tat-tours ta' minimu ta' 10 persuni, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi f'postijiet speċifiċi.

¹⁴⁸ Fejn il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-KE u l-Istati Membri tagħha, l-Istat Membru kkonċernat jista' jevalwa jekk tkunx ekwivalenti għall-kwalifika rikjesta fit-territorju tiegħu.

¹⁴⁹ Fejn il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-KE u l-Istati Membri tagħha, l-Istat Membru kkonċernat jista' jevalwa jekk tkunx ekwivalenti għall-kwalifika rikjesta fit-territorju tiegħu.

ANNEX IV e

LISTA TA' IMPENJI DWAR L-INVESTIMENT (PREŻENZA KUMMERĊJALI) F'ATTIVITAJIET EKONOMIĊI LI MHUX IS-SETTURI TAS-SERVIZZI

(imsemmija fl-Artikolu 69)

PARTI TAL-CARIFORUM U L-ISTATI FIRMATARJI TAL-CARIFORUM

1. Din "il-Lista ta' Impenji fuq l-Investment (Preżenza Kummerċjali) f'Attivitajiet Ekonomiċi li mhux is-setturi tas-Servizzi" (minn hawn 'il quddiem "l-Iskeda") hija limitata għal setturi li mhux tas-servizzi kif deskritt fil-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi kif stabbilit mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti (ISIC Rev. 3.1). Din tinkludi s-setturi li ġejjin:
 - A. L-agrikoltura, il-kaċċa u l-silvikultura
 - B. Sajd
 - C. Xogħol fil-minjieri u fil-barrieri
 - D. Manifattura
 - E. Produzzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni għal rashom ta' l-elettriku, il-gass, l-istim u l-miżhun
2. Din l-Iskeda tistabbilixxi r-riżervi meħuda mill-Istati Firmatarji tal-CARIFORUM fir-rigward tal-miżuri li ma jikkonformawx ma' l-obbligi stipulati fit-Titolu II ta' dan il-Ftehim. Is-setturi biss fejn hemm riżervi jew limiti huma elenkati iżda l-Iskeda tkopri s-subsetturi kollha tas-setturi elenkati fuq.
3. Din l-Iskeda tinkludi l-Istati tal-CARIFORUM kollha, ħlief il-Baħamas u l-Haiti, sakemm mhux imniżżel mod ieħor. Is-subsetturi ta' A, B, C u D li mhux elenkati huma kollha miftuħa fl-Istati Firmatarji tal-CARIFORUM mingħajr limiti fl-aċċess tas-suq jew trattament nazzjonali. L-Istati CARIFORUM li mhux elenkati fis-subsetturi inklużi f'din il-lista huma miftuħa mingħajr limiti fuq l-aċċess għas-suq jew trattament nazzjonali f'dawn is-subsetturi.
4. Is-suġġett ta' l-Artikolu 238, l-impenji elenkati f'din l-Iskeda japplikaw biss għar-relazzjonijiet bejn l-Istati Firmatarji CARIFORUM minn naħa waħda u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq l-oħra u ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Firmatarji tal-CARIFORUM li joħorġu minn dawn l-obbligi taħt it-Trattat Rivedut ta' Chaguaramas li Jistabbilixxi l-Komunità tal-Karibew inkluż is-Suq Wieħed u l-Ekonomija CARICOM, jew il-Ftehim tal-Kummerċ Fieles bejn il-CARICOM u r-Repubblika Dominikana.
5. Il-Parti tal-CARIFORUM tirriżerva d-dritt li tistabbilixxi fl-Iskeda tagħha, fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe miżura mhux konformi li teżisti fil-waqt ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim mhux elenkata hawn taħt.
6. Din l-Iskeda ma tistax titqies li tikkommetti b'ebda mod il-privatizzazzjoni ta' l-impriżi pubbliċi u lanqas ma tipprevjeni kwalunkwe Stat Firmatarju tal-

CARIFORUM milli jirregola kwalunkwe settur jew attività ekonomika sabiex jintlaħqu għanijiet politiċi nazzjonali.

7. L-Iskeda ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar ir-rekwiżiti għall-kwalifikazzjoni u l-proċeduri, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti ta' liċenzji u proċeduri meta ma jinvolvu aċċess għas-suq jew limitu ta' trattament nazzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikoli 67 u 68 tal-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa għal liċenzja, ħtieġa ta' reġistrazzjoni mar-Reġistru tal-Kumpaniji, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa għal eżamijiet speċifiċi, inkluż tal-lingwa, rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jsirux f'żoni ambjentali protetti jew żoni ta' interess storiku jew artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għall-investituri tal-Parti l-oħra.
8. Rekwiżiti mhux diskriminatorji fir-rigward tat-tipi ta' forom legali ta' stabbiliment mhux inklużi fil-lista ta' hawn taħt.
9. Id-drittijiet u l-obbligi li joriġinaw minn din l-Iskeda ta' impenji, ma għandhomx ikollhom effett ta' eżekuzzjoni awtomatika (self-executing) u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt lill-persuni naturali individwali jew persuni ġuridiċi.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Sjieda ta' l-art</u></p> <p>ATG, BEL, DMA, GRD, KNA, LCA, VCT, SUR: Kumpaniji u individwi barranin li jixtiequ jakkwistaw il-proprjetà jeħtiġilhom l-ewwel jiksbu liċenzja. Kumpaniji inkorporati fl-Antigwa u Barbuda, il-Grenada u St. Christopher and Nevis, li għandhom jew biħsiebhom jakkwistaw iktar minn ħames ejkers ta' art (fid-Dominika u St. Vincent u l-Grenadini li biħsiebhom jakkwistaw kwalunkwe art) jistgħu jkunu ristretti jew projbiti mill-ħruġ jew it-trasferiment ta' l-ishma jew obligazzjonijiet tagħha lil persuni mhux ċittadini. Persuni mhux ċittadini jistgħu jkunu wkoll ristretti jew projbiti milli jkollhom warrants ta' l-ishma u ta' obligazzjonijiet trasferibbli bil-konsenja jew jirrifjutaw li jirreġistraw persuna mhux ċittadina bħala membru jew id-detentur ta' obligazzjonijiet.</p> <p>DMA: Iktar minn 3 ejkers ta' art fid-Dominika ma għandhiex tinżamm għal skopijiet ta' negozju minn Barrani, li huwa definit fl-Att bħala individwu li mhuwiex ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri ta' l-OECS, mingħajr liċenzja.</p> <p>DOM: Ir-Repubblika Dominikana tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura marbuta mas-sjieda jew il-kontroll ta' l-art 20 kilometru jew inqas mill-fruntiera Dominikana.</p> <p>SUR: Persuni ta' nazzjonalità oħra jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-Kunsill tal-Ministri biex jingħataw art li tinsab fid-Dominju ta' l-Istat.</p> <p>TTO: Tinħtieġ liċenzja minn persuni ta' nazzjonalità oħra għall-akkwist ta' l-art, meta l-daqs tagħha jkun iktar minn 5 ejkers għall-kummerċ jew in-negozju jew ejker wieħed għal skopijiet residenzjali.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Tipi ta' preżenza kummerċjali</u></p> <p>ATG, DMA, GRD, KNA, LCA, VCT, TTO: L-investituri barranin għandhom jinkorporaw jew jistabbilixxu n-negozju lokalment. Il-kumpaniji li mhux inkorporati lokalment għandhom ikunu reġistrati u s-setgħat u l-attivitajiet jistgħu jkunu ristretti, skond il-leġiżlazzjoni rilevanti.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p style="text-align: center;"><u>Investiment</u></p> <p>CAF: Jipprojbixxi l-esplorazzjoni, l-esplortazzjoni u l-ipproċessar tal-minerali radjuattivi, ir-riċiklaġġ tal-fjuwil nukleari, il-ġenerazzjoni ta' l-enerġija nukleari, it-trasport u l-ħżin ta' skart nukleari, l-użu u l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari u r-regolazzjoni ta' l-applikazzjonijiet tiegħu għal skopijiet oħra, bħall-produzzjoni ta' l-ilma b'densità għolja.</p> <p>BEL: L-Att dwar l-Ismijiet tan-Negozju (Business Names Act) jistipula r-rekwiżiti għall-użu ta' l-ismijiet li jistgħu jkunu differenti fil-każ ta' ċittadini tal-Beliże li twieldu hemmhekk.</p> <p>GRD: L-Att tat-Taxxa fuq it-Trasferiment tal-Proprietà (Propertu Transfer</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet
	<p>Tax Act) jistipula li investitur barrani interessat fix-xiri jew il-bejgħ ta' ishma/stokks huwa soġġett għal taxxa speċifika fuq il-valur tal-likwidazzjoni.</p> <p>DMA, KNA, LCA, VCT: Jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi fin-negozji ż-żgħar.</p> <p>DOM: Investiment barrani u kuntratt ta' trasferiment tat-teknoloġija għandhom jiġu reġistrati. L-investment barrani huwa projbit fl-oqsma li ġejjin: a) Rimi u ħżin ta' skart tossiku, perikoluż jew radjuattiv li mhux prodott fil-pajjiż; b) attivitajiet li jistgħu jaffettwaw is-saħħa pubblika jew l-ekwilibriju ambjentali tal-pajjiż, kif speċifikat fid-dispożizzjonijiet regolatorji relevanti; u c) il-produzzjoni ta' materjali u tagħmir marbuta direttament mad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, mingħajr awtorizzazzjoni espliċita mill-Gvern. Meta investiment barrani jista' jaffettwa l-ekosistema fil-qasam ta' l-investment, l-investitur barrani huwa meħtieġ jibgħat proġett li jinkludi r-rimedju tal-ħsara ekoloġika li jista' jikkawża.</p> <p>Il-kooperattivi jistgħu jaċċettaw ċittadini barranin li jgħixu fir-Repubblika Dominikana bħala soċji fi proporzjon mhux ikbar minn 50 fil-mija tas-sħubija u l-ishma totali. Għallinqas tmenin fil-mija ta' l-għadd totali ta' impjegati ta' kumpanija għandu jkun mir-Repubblika Dominikana. Ir-Repubblika Dominikana tirriżerva d-dritt li jiġi limitat it-trasferiment jew it-tneħħija ta' kwalunkwe interess miżmum f'intrapriża ta' l-istat eżistenti, b'tali mod li ċittadin Dominikan biss jista' jirċievi interess bħal dan. Dan għandu x'jaqsam biss mat-trasferiment jew it-tneħħija inizjali ta' dan l-interess. Ir-Repubblika Dominikana tirriżerva d-dritt li tillimita l-kontroll ta' kwalunkwe intrapriża ġdida maħluqa bit-trasferiment jew it-tneħħija ta' kwalunkwe interess kif deskritt fil-paragrafu preċedenti, iżda mhux bil-limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' l-interess. Ir-Repubblika Dominikana tirriżerva wkoll id-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura dwar in-nazzjonalità tal-meniġment ewlieni u l-membri tal-bord tad-diretturi f'kull intrapriża ġdida bħal din. Ir-Repubblika Dominikana tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil gruppi żvantaġġati soċjalment jew ekonomikament.</p> <p>VCT: L-abbozz tal-liġi dwar l-Iżvilupp tan-Negozji ż-Żgħar (Small Business Development Bill) jiddefinixxi n-negozji mikro u żgħar u jistipula l-attivitajiet li dawn in-negozji għandhom ikunu involuti fihom. In-negozji internazzjonali jistgħu jkunu involuti biss f'attivitajiet partikolari kif stipulat fl-Att tal-Kumpaniji b'Negozju Internazzjonali (International Business Companies Act).</p> <p>SUR: Dawk li mhux residenti jeħtiġilhom jiksbu permess mill-Kummissjoni tal-Valuti Barranin biex jakkwistaw ishma f'entità korporattiva legali.</p> <p>TTO: Tinħtieġ liċenzja għall-akkwist ta' ishma f'kumpanija pubblika lokali fejn il-pussess ta' dawn l-ishma tirriżulta, direttament jew indirettament, fi 30 fil-mija jew iktar ta' l-ismha kumulattivi totali tal-kumpanija miżmuma minn investituri barranin.</p>
A. AGRİKOLTURA,	

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet
KAĊĊA, SILVIKULTURA	
<u>Agrikoltura u kaċċa</u> (ISIC rev 3.1: 01)	<p>BEL, DMA, KNA: L-Istat jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm miżuri dwar l-investment f'dan is-settur.</p> <p>DOM: Is-superintendenti, il-purtinara/amministraturi/maġġordomi, kontrolluri u kull impjegat ieħor li jwettaq kompiti agrikoli għandu jkun ta' nazzjonalità Dominikana.</p> <p>GRD: Il-leġislazzjoni tirriżerva dan is-settur lil produtturi domestiċi iżda l-investment barrani huwa permess biss għall-produzzjoni maħsuba għall-esportazzjoni.</p> <p>JAM: Jista' jkun riżervat għaċ-ċittadini, partikolarment il-koltivazzjoni ta' prodotti sensitivi bl-użu ta' livell għoli ta' teknoloġija agrikola (eż. l-idrofonija).</p> <p>LCA: Il-leġislazzjoni tippreskrivi l-produzzjoni eklussivament għas-suq domestiku.</p> <p>VCT: L-Istat jirriżerva d-dritt li jipprojbixxi, jikkontrolla jew jirrestrinġi l-koltivazzjoni ta' ċerti uċuħ u l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' ċerti uċuħ.</p>
<u>Silvikultura u qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam</u> (ISIC rev 3.1: 02)	<p>DMA, VCT: L-Istat jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm miżuri dwar l-investment f'dan is-settur.</p> <p>GRD: Il-leġislazzjoni tirriżerva dan is-settur lil produtturi domestiċi iżda l-investment barrani huwa permess biss għall-produzzjoni maħsuba għall-esportazzjoni.</p> <p>SUR: In-nazzjonalità u r-residenza huma meħtieġa biex isiru attivitajiet f'dan is-settur.</p>
B. SAJD (ISIC rev.3.1: 05)	<p>ANT, BEL, DMA, GUY, KNA, LCA, VCT, TTO: L-Istat jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm miżuri dwar l-investment f'dan is-settur.</p> <p>BRB: Bastiment tas-sajd għandu jkun proprjetà sħiħa taċ-ċittadini tal-Barbados jew is-sjieda għandha tkun meqjusa li għanda konnessjoni ekonomika sostanzjali mal-Barbados. Bastimenti tas-sajd barranin huma rikjesti jkollhom liċenzja ta' bastiment barrani tas-sajd, soġġetta għall-Att u r-regolamenti dwar is-Sajd.</p> <p>DOM: Il-leġislazzjoni tippreskrivi rekwiżiti differenti għall-għoti tal-permessi tas-sajd, u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti mill-investituri barranin. Iċ-ċittadini Dominikani biss jistgħu jwettqu sajd artiġjanali sa 54 mil nawtiku 'l barra mill-kosta.</p> <p>GRD: Il-Leġislazzjoni tippreskrivi miżati differenti għal persuni ta' nazzjonalità differenti biex jiksbu liċenzja sabiex iwettqu attivitajiet tas-sajd.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet
	<p>JAM: L-investituri għandhom juru li l-kompetenzi meħtieġa mhux disponibbli lokalment qabel ma jfittxu ħaddiema minn barra. Il-liċenzja meħtieġa għad-dritt ta' aċċess għall-bronja u l-awwista. Is-sajd bil-qbid jista' jkun riżervat għaċ-ċittadini.</p> <p>SUR: Is-sid ta' bastiment barrani jista' jikseb liċenzja biss jekk ikun jeżisti trattat tas-sajd bejn ir-Repubblika tas-Suriname u l-Istat ta' reġistrazzjoni tal-bastiment barrani tas-sajd.</p>
<p>C. XOGĦOL FIL-MINJERI U FIL-BARRIERI</p>	<p>CAF: Ċerti attivitajiet fil-minjieri ta' skala żgħira jistgħu jkunu riżervati għaċ-ċittadini.</p> <p>CAF (minbarra DOM u GUY): L-Istat jirriżerva d-dritt li jagħti approvazzjoni għall-esplorazzjoni, mijieri, ipproċessar, importazzjoni u esportazzjoni ta' minerali privati jew pubbliċi.</p> <p>DMA: Ebda dritt ta' mineral ma għandu jingħata lil individwu sakemm ma jkunx ċittadin tad-Dominika. Ebda dritt ta' mineral li jkun liċenza ta' esplorazzjoni, liċenza esklussiva ta' tiftix, jew liċenza għal minjiera, ma għandu jingħata lil entità korporattiva, sakemm l-entità korporattiva ma tkunx kumpanija jew korporazzjoni inkorporata fid-Dominika. L-Ispettur ma għandux joħroġ liċenzja mhux esklussiva ta' tiftix lil: (i) individwu sakemm ma jkunx ċittadin tad-Dominika; u (ii) lil kumpanija sakemm ma tkunx kumpanija li l-kapital sħiħ tagħha f'ishma jkun proprjetà benefiċjarja taċ-ċittadini ta' Dominika jew ta' korporazzjoni li fl-opinjoni tal-Ministru ġiet stabbilita għal għan pubbliku jew parzjalment minn ċittadini bħal dawn u parzjalment minn korporazzjoni bħal din; (iii) lil korporazzjoni sakemm mhijiex korporazzjoni inkorporata fid-Dominika. L-Ispettur jista' jagħti liċenzja mhux esklussiva ta' tiftix lil persuna li mhix ċittadin jekk dik il-persuna kienet normalment residenti fid-Dominika fil-perjodu ta' seba' (7) snin immedjatament qabel id-data ta' l-applikazzjoni tiegħu/ tagħha.</p> <p>DOM: Is-sustanzi minerali ta' kull xorta li jinsabu fil-ħamrija tat-territorju nazzjonali kif ukoll fil-ħamrija u s-subsoil ta' taħt l-ilma tal-baħar territorjali, huma ta' l-Istat u jkunu jistgħu jiġu esplotjati mill-individwi biss permezz tal-konċessjonijiet jew il-kuntratti li jingħataw u bil-kundizzjonijiet li l-leġiżlazzjoni Dominikana tiddetermina. Kumpaniji barranin li japplikaw għal konċessjonijiet ta' esplotazzjoni u ta' impjanti ta' l-iproċessar u għal konċessjonijiet biex jespjoraw, jespjoraw jew jibbenefikaw miż-żejt jew sustanzi idrokarburi oħrajn, jeħtieġ ikollhom domiċilju legali fir-Repubblika Dominikana u kumpanija azzjonarja (<i>compañia por acciones</i>) inkorporata skond il-liġijiet tar-Repubblika Dominikana.</p> <p>GUY: L-istat jirriżerva d-dritt għall-minerali fl-artijiet kollha. F'minjieri bi skala żgħira jew medja, jinħareġ permess għall-esplorazzjoni biss lill-persuni li ġejjin: (a) individwu li jkun ċittadin tal-Guyana u adult; (b) sħubija li tikkonsisti minn żewġ ċittadini jew iktar tal-Guyana; (c) kumpanija li l-kapital azzjonarju sħiħ tagħha huwa proprjetà benefiċjarja taċ-ċittadini tal-Guyana jew ta' korporazzjoni li tkun ġiet stabbilita bi jew skond liġi miktuba fis-seħħ fil-Guyana, jew tkun parzjament ta' tali ċittadini u</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet
